Vol 40
Nru 205
Lulju - Settembru 2019

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Giotto, San Franġisk quddiem is-Sultan, Bażilika S. Franġisk, Assisi (1297-1300)*

# Werrej



6



15



21



26


6 San Franġisk fl-Art Imqaddsa (iii) (1219 - 2019)

15 Is-Simboliżmu tal-Ġisem tal-Bniedem fil-Kultura Bibblika

21 L-Intimità ta' Mosè ma' Alla tissarraf f'qadi (3)

26 Pietru u Pawlu Fejqan mir-Rabja

36 Marta u Marija fl-Evanġelju skont San Ġwann




36

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## San Franġisk fl-Art Imqaddsa

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk t'Assisi, fl-4 ta' Ottubru, sejrin isiru ċelebrazzjonijiet speċjali f'Ġerusalemm, organizzati mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa, biex jitfakkar it-800 anniversarju minn mindu San Franġisk żar il-Postijiet Qaddisa wara l-laqgħa tiegħu mas-Sultan tal-Eġittu Al-Malik Al-Kamil, fl-1219. Għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet se jieħdu sehem diversi personaġġi u studjużi ta' fama fil-qasam storiku, fosthom il-Kardinal Leonardo Sandri, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Knejjes Orjentali.

L-iskop taċ-ċelebrazzjonijiet se jkun fuq kollox biex isiru konferenzi ta' natura xjentifika fuq il-bidu tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa. Nafu, minn dokumentazzjoni storika ċerta, li l-ewwel patrijiet rifsu l-Art Imqaddsa fl-1215, meta ġie bħala pellegrin Fra Eġidju ta' Assisi. Imma l-preżenza stabbli fil-belt kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, jiġifieri l-port ta' Akri, fuq il-kosta tal-Palestina, tmur lura għall-1217, meta San Franġisk bagħat hemmhekk lil Fra Elia ta' Cortona u l-ewwel grupp ta' patrijiet. Dawn waqqfu kunvent fil-belt Kruċjata. Kien hemmhekk li San Franġisk niżel l-art meta qasam il-baħar fl-1219 biex imur mal-Ħames Kruċjata lejn Damietta fl-Eġittu.

Għalkemm il-Fonti Franġiskani tas-seklu 13 ma jsemmux li San Franġisk reġa'



*...editorjal*
*San Franġisk fl-Art Imqaddsa*

għadda mill-Art Imqaddsa fi triqtu lura lejn l-Italja, wara l-laqgħa tiegħu mas-Sultan tal-Eġittu, hemm tradizzjoni qawwija li ssostni li, fil-fatt, San Franġisk kellu żmien biżżejjed biex iżur il-Qabar ta' Kristu u l-Postijiet Qaddisa l-oħra. Ix-xhieda hi tardiva. Jagħtihielna Fra Angelo Clareno, awtur tal-hekk imsejħa "Kronaka tas-Seba' Tribulazzjonijiet tal-Ordni tal-Minuri", miktuba fl-1326, jiġifieri mitt sena wara l-mewt ta' San Franġisk. Clareno jgħid ċar u tond li San Franġisk qala' minn għand is-Sultan il-permess li jivvjaġġa liberament fit-territorji tiegħu u seta' jidħol jitlob fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu mingħajr ma jħallas il-ħaraġ li l-Musulmani kienu jitolbu lill-Insara.

Diversi storiċi ma jaċċettawx il-kliem ta' Clareno bħala storikament veri, għas-sempliċi raġuni li kien hemm projbizzjoni papali taħt piena ta' skomunika għal min imur pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa u jagħti l-flus lill-Musulmani li kienu jaħkmuha biex jidħol jitlob fil-Qabar ta' Kristu jew f'Betleħem. Madankollu, storiku Franġiskan famuż bħalma kien Girolamo Golubovich, jinsisti li San Franġisk kien irċieva minn għand is-Sultan speċi ta' *laissez passer*, biex ikun jista' jivvjaġġa bla periklu u jidħol fil-Postijiet Qaddisa mingħajr ma jħallas flus.

Fatt ieħor interessanti hu li hemm vojt kronoloġiku fil-ħajja ta' San Franġisk, li ma nistgħux nispjegawh jekk mhux li naċċettaw li hu waqaf għal xi żmien fl-Art Imqaddsa. Nafu li San Franġisk iltaqa' mas-Sultan waqt il-perjodu tal-waqfien mill-ġlied f'Settembru 1219, u li mbagħad irritorna l-Italja qabel ma ġie ċċelebrat il-Kapitlu Ġenerali tal-1220. Imma dan il-Kapitlu ma ġiex iċċelebrat f'Pentekoste, kif kien soltu jsir, imma f'San Mikiel, fid-29 ta' Settembru 1220. Mela, dan ifisser li f'Pentekoste ta' dik is-sena San Franġisk kien għadu ma wasalx l-Italja. Fejn kien? Veru li l-vjaġġi dak iż-żmien kienu jieħdu fit-tul, u li San Franġisk x'aktarx waqaf f'xi portijiet tal-kosta tad-Dalmazja qabel ma wasal fl-eremitaġġ ta' Isola del Deserto fil-Laguna ta' Venezia. Imma kien ikun biżżejjed xahar jew ftit aktar biex jirritorna. Mela kollox juri li San Franġisk kellu żmien jieqaf fl-Orjent. Jekk hu rritorna Akri għand il-patrijiet, li kien l-uniku post possibbli biex ikollhom kunvent fl-Art Imqaddsa f'dak iż-żmien, hu seta' telaq biex imur Ġerusalemm u Betleħem, li kienu ż-żewġ Santwarji l-aktar probabbli li wieħed jipprova jidħol fihom biex jitlob. Il-kumplament tas-Santwarji x'aktarx li kienu kollha mġarrfa.

Hemm ukoll fattur ieħor importanti, li se jiġi studjat waqt dawn il-ġranet ta' riflessjoni li se torganizza l-Kustodja. Dan hu l-fatt li San Franġisk juri devozzjoni speċjali lejn il-misteru tat-Twelid ta' Ġesù u lejn il-misteru tal-Passjoni. Fil-fatt, ftit snin wara li rritorna mill-Orjent, fil-Milied tal-1223, San Franġisk ħoloq il-presepju ħaj waqt il-Quddiesa tal-lejl tal-Milied fi Greccio. U fl-14 ta' Settembru 1224, fuq il-Muntanja La Verna, hu irċieva d-don tal-istimmati tal-Mulej Ġesù. Dan hu fattur importanti li jorbot żewġ avvenimenti kruċjali tal-ħajja ta' San Franġisk mal-misteri tal-fidwa li aħna l-Insara mmorru nqimu meta nżuru l-Art Imqaddsa, speċjalment meta nidħlu fil-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem u fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu (u fuq il-Kalvarju) f'Ġerusalemm.

L-istudjużi naturalment għandhom kull dritt li japplikaw kriterji xjentifiċi serji għall-indaġini storika tagħhom. Hu veru li ma nsibu xejn dwar xi żjara ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa (ħlief fil-port ta' Akri) fid-dokumenti qodma tal-istorja tal-Ordni. Madankollu nafu li l-istorja ma tinbeniex biss fuq dokumenti. L-istorja tinbena wkoll fuq tradizzjoni ħajja li tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra. Żgur li l-patrijiet li kienu fl-Art Imqaddsa, fejn kellhom l-ewwel kunvent f'Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk, kienu jfakkru din il-miġja tal-fqajjar ta' Assisi fl-Art Imqaddsa. Għax, xi skop kien hemm li San Franġisk jaqsam il-baħar mal-Kruċjati, biex jiltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu? San Franġisk ma kienx bniedem politiku jew potenti. Ma seta' jitlob l-ebda trattat ta' paċi lis-Sultan. Talbu ċertament li jħallih imur jitlob fl-Art Imqaddsa. San Franġisk mar mal-Kruċjati bħala pellegrin. Dan hu fatt importanti ħafna. Anke l-istess Kruċjati, li kienu suldati armati sa snienhom, kienu jqisu lilhom infushom qabel xejn bħala pellegrini u mbagħad bħala gwerriera. Dik li kienet magħrufa bħala *De recuperatione Terrae Sanctae* (il-kisba mill-ġdid tal-Art Imqaddsa), kienet meqjusa bħala pellegrinaġġ ta' fidi u talb aktar milli gwerra ta' konkwista.

Din it-teżi storika hi importanti biex nifhmu għaliex San Franġisk xtaq imur l-Art Imqaddsa, u għaliex il-Franġiskani fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa jridu jfakkru b'mod solenni din il-ġrajja unika.



# SAN FRANĠISK FL-ART IMQADDSA (III) (1219 - 2019)

*Noel Muscat ofm*

## San Franġisk jiddeċiedi li jmur quddiem is-Sultan

Waqt il-perjodu qasir ta’ waqfien mill-ġlied bejn il-Ħames Kruċjata u al-Malek al-Kamel, f’Settembru 1219, San Franġisk ħa deċiżjoni li kellha tkun kruċjali u li setgħet tkun biss riżultat ta’ bniedem ġenju li kien jara fil-bogħod. Il-fatti kif seħħew huma dokumentati fil-

kitbiet ta' kronisti li kienu membri tal-Ħames Kruċjata. Dawn il-kronisti kitbu b'intenzjoni li jirrakkontaw il-fatti tal-Kruċjata, u ma kienx jimpurtahom direttament minn San Franġisk. Imma l-fatt li jsemmu li Franġisku mar iżur lis-Sultan tal-Eġittu jurina li dan l-aġir tal-qaddis kien tassew avveniment uniku li qanqal l-attenzjoni ta' kull min kien involut fil-ġrajja traġika tal-Ħames Kruċjata.

Fost dawn il-kronisti, l-aktar wieħed li jitkellem fid-dettall fuq din il-laqgħa hu Ernoul, li kien ġie għall-Kruċjata fis-servizz ta' Balian II ta' Ibelin, li kien sinjur nobbli ta' wieħed mill-istati Kruċjati. Dan kiteb il-kronaka tiegħu bil-Franċiż antik bejn l-1227 u l-1229. Golubovich ittraduċiha u ppubblikaha fil-*Biblioteca bio-bibliografica*, I, 10-13.

Xhud ieħor tal-istess ġrajja, imma li jirrepeti ħafna dak li jgħid Ernoul, kien il-kronista Bernard it-Teżorier, li kiteb fl-1229. Aħna se nġibu r-rakkont ta' Ernoul:

"Issa se nkellimkom dwar żewġ kjeriċi li kienu jinsabu fost l-armata f'Damietta. Huma marru quddiem il-Kardinal (Pelagius), u qalulu li kienu jixtieqû li jmorru jippridkaw lis-Sultan, imma li ma ridux jagħmlu hekk mingħajr il-permess tiegħu. Il-Kardinal qalilhom li, għal dak li kellu x'jaqsam miegħu hu, huma ma kinux se jmorru la bil-barka tiegħu u lanqas taħt ordinijet tiegħu, għaliex hu qatt ma kien se jkun lest li jagħtihom permess biex imorru f'post li fih kienu jistgħu jinqatlu. Għax hu kien jaf sewwa li jekk huma jmorru hemmhekk, qatt ma kienu se jerġgħu jiġu lura. Imma huma wieġbu li, jekk huma riedu jmorru, hu ma kien se jkollu l-ebda ħtija, għaliex ma kienx hu li kkmandahom imorru, imma biss tahom il-permess biex imorru.

U hekk huma komplew jinsistu mal-Kardinal. Meta hu ra li kienu deċiżi fir-rieda tagħhom, qalilhom: 'Sinjuri, jiena ma nafx x'għandkom f'qalbkom u fi ħsibijietkom, jekk humiex ħwejjeġ tajbin jew ħżiena, imma jekk intom se tmorru, araw li l-qalb tagħkom u ħsibijietkom ikunu dejjem imdawrin lejn il-Mulej Alla.' Huma wieġbu li riedu jmorru biex iwettqu għemil tajjeb li huma kienu ilhom jixtieqû jirrealizzaw. Imbagħad il-Kardinal qalilhom li kienet ħaġa tajba li jmorru jekk kienu jixtieqû hekk, imma li ma kellhom iħallu lil ħadd jaħseb li kien hu li bagħathom."

Ir-rakkont ikompli, imma għalissa nieqfu hawnhekk.



*Il-Konkwista ta' Ġerusalemm*



*Onorju III - Leandro Bassano*

Ernoul jagħtina dettalji interessanti dwar il-preparattivi ta' Franġisku u sieħbu, li kien fra Illuminato minn Rieti. Jidher ċar li l-iskop ta' San Franġisk, li għalih mar Damietta, kien proprju li jirnexxilu jmur jiltaqa' ma' al-Malek al-Kamel personalment. Hu sab l-okkażjoni tajba meta l-Kruċjati kienu obbligati li jitolbu żmien ta' waqfien mill-ġlied wara t-telfa diżastruża li kienu sofrew fid-29 ta' Awwissu 1219.

Il-fatt li Franġisku ried jitlob permess mill-Kardinal Legat għandu wkoll l-importanza tiegħu. Nafu li l-Kruċjata kienet għaddejja minn kriżi, għax fiha kien hemm gruppi li kienu qed jappoġġjaw lir-Re Jean de Brienne, u oħrajn li kienu jappoġġjaw lill-Kardinal Pelagius. F'kelma oħra l-kriżi kienet tirrigwarda t-tmexxija effettiva tal-Kruċjata. Għalkemm il-forzi militari tal-Kruċjata kienu frott ta' alleanzi politiċi, imma l-Papa Onorju III kien iddeċieda li l-Kruċjata kienet battalja qaddisa, u li kellha tkun il-Knisja li tmexxiha. Għal din ir-raġuni kien bagħat lill-Kardinal Pelagius, li kellu l-appoġġ tal-Kruċjati Taljani u tal-Ordnijiet kavallereski tat-Templari u l-Ospedalieri, li kienu jiffurmaw parti sostanzjali mill-Kruċjata. Pelagius kien jaf li kien hemm projbizzjoni papali,

taħt piena ta' skomunika, li xi Kristjani jgħaddu għall-kamp tas-Saraċini u jikkomunikaw magħhom. Kif se naraw aktar 'il quddiem, din l-iskomunika kienet tkopri wkoll kull inizjattiva spontanja li Kristjani jmorru pellegrini fl-Art Imqaddsa u jidħlu fil-Postijiet Qaddisa billi jkollhom iħallsu l-pedaġġ lill-awtorità Musulmana. San Franġisk ried imur għand is-Sultan bil-barka tal-Knisja. Pelagius ma qabilx miegħu, imma l-insistenza umli tar-raġel pellegrin fqajjar li sab quddiemu wasslitu biex fl-aħħar jeħles minnu basta ma jidhirx li kien hu li bagħtu. Fl-inġenwità u l-ġenjalità tiegħu Franġisku kellu bżonn biss ta' dan, biex jieħu l-inizjattiva f'idejh u jmur għand is-Sultan.

## Ir-rakkont tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan fil-Kronaka ta' Ernoul

"Għaldaqstant iż-żewġ kjeriċi ħallew il-kamp Kristjan u rħewlha lejn il-kamp tas-Saraċini. Meta l-għassiesa Saraċini rawhom ġejjin, ħasbu li kienu messaġġiera jew forsi kienu ġew biex jiċħdu l-fidi tagħhom. Malli ltaqgħu magħhom qabduhom u wassluhom għand is-Sultan.

Meta daħlu fil-preżenza tiegħu sellmulu. Is-Sultan ukoll sellmilhom u staqsihom jekk ridux isiru Saraċini jew inkella kinux ġew b'xi messaġġ. Huma wieġbu li qatt ma kienu se jsiru Musulmani, imma li kienu ġew għandu bħala messaġġiera f'isem il-Mulej Alla, sabiex hu jdawwar ruħu lejn Alla. Qalulu: 'Jekk inti tixtieq temminna, aħna ngħaddu ruħek għand Alla, għax aħna qed ngħidulek fil-verità li jekk inti tmut fil-liġi li tistqarr bħalissa, inti tintilef u Alla ma jilqax lil ruħek. Għal din ir-raġuni ġejna. Imma jekk inti tismagħna u tipprova tifhimna, aħna nuruk kollox b'argumenti konvinċenti, fil-preżenza tal-aktar mgħallmin għorrief tas-saltna tiegħek. Jekk inti tiġmagħhom hawnhekk nuruk kif il-liġi tagħkom hi falza.'

Is-Sultan wieġeb li hu kellu l-arċisqfijiet, isqfijiet u kleru tal-liġi tiegħu, u li ma kienx lest li jisma' dak li jgħidulu jekk mhux fil-preżenza tagħhom. Iż-żewġ kjeriċi wieġbu: 'Tajjeb, ordnalhom jiġu hawnhekk, u jekk aħna ma nkunux nistgħu nuru b'argumenti solidi li dak li ngħidulek hu veru, jiġifieri li l-liġi tagħkom hi falza - jekk inti lest li tisma' u tifhem - allura mbagħad tista' taqtgħalna rasna barra.' Għalhekk is-Sultan ordnalhom jidħlu miegħu fit-tinda tiegħu. U xi wħud mill-irġiel nobbli u għorrief tas-saltna tiegħu ġew flimkien maż-żewġ kjeriċi biex jagħmlu dik il-laqgħa.

Meta kulħadd kien inġema' s-Sultan spjega r-raġuni għaliex kien sejħilhom flimkien u ġabhom fil-preżenza tiegħu. Qalilhom ukoll dak li kienu qalulu ż-żewġ kjeriċi, u l-intenzjoni li biha kienu ġew quddiemu. Imma dawn weġbuh: 'Sinjur, inti x-xabla tal-liġi: inti għandek id-dmir li żżommha u tiddefendiha. Aħna nikkmandawk, f'isem Alla u Muħammad, li tana l-liġi, biex taqtgħalhom rashom barra issa stess, għaliex aħna ma rridu nisimgħu xejn minn dak li għandhom xi jgħidu. Aħna wkoll inwissuk biex ma tagħtihomx widen, għaliex il-liġi tipprojbixxi li aħna nisimgħu lil min jippriedka (xi reliġjon oħra). U jekk ikun hemm xi ħadd li jrid jippriedka jew jitkellem kontra l-liġi tagħna, il-liġi tikkmanda li għandna naqtgħulu rasu barra. Għal din ir-raġuni aħna nikkmandawk, f'isem Alla u f'isem il-liġi, biex taqtgħalhom rashom issa stess, kif trid il-liġi.'

Malli qalu hekk huma telqu 'l barra mingħajr ma riedu jlissnu kelma oħra. Is-Sultan baqa' waħdu maż-żewġ kjeriċi. Imbagħad is-Sultan qalilhom: 'Sinjuri, dawk qaluli li f'isem Alla u f'isem il-liġi jiena għandi nordna li jaqtgħulkom raskom, għax hekk hu preskritt. Imma jiena se naġixxi kontra l-liġi, għaliex jiena minix se nikkundannakom għall-mewt. Għax azzjoni bħal dik tkun ta' ħsara fuqkom, intom li lgħabtu l-kuxjenza

tagħkom fil-periklu li tmutu biex issalvawli ruħi għal Alla.' Wara li qal dan, is-Sultan qalilhom li jekk kienu jixtiequ, huma setgħu jibqgħu miegħu, u li hu kien lest li jagħtihom ħafna artijiet u possedimenti. Imma huma wieġbu li ma ridux joqogħdu hemm, billi huma raw li hu ma riedx jismagħhom jew jifhem il-messaġġ tagħhom. Għalhekk talbuh li jerġgħu lura fil-kamp Kristjan, jekk hu jagħtihom permess.

Is-Sultan weġibhom li hu bil-qalb kollha kien lest li jħallihom jirritornaw qawwijin u sħaħ fil-kamp Kristjan. Mhux biss, imma ġab kwantitajiet kbar ta' deheb, fidda, u ħwejjeġ tal-ħarir u stedinhom jieħdu dak kollu li riedu. Huma qalulu li ma kienu se jieħdu xejn, ġaladarba ma setgħux jakkwistaw ruħu għall-Mulej Alla, għax huma kienu jqisu din bħala l-aktar ħaġa prezzjuża li setgħu jagħtu lil Alla, aktar milli jippossjedu teżori. Qalulu li kien biżżejjed jekk jagħtihom xi ħaġa biex jitrejqu, u mbagħad huma kienu lesti li jitilqu, ġaladarba hemmhekk ma setgħu jagħmlu xejn aktar. Is-Sultan offrielhom ħafna ikel, u mbagħad huma sellmulu u marru lura, u hu ordna li jiġu skortati qawwijin u sħaħ biex imorru lura fl-armata Kristjana."

## Ir-rakkont tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan f'Jacques de Vitry

Diġà semmejna lil dan l-Isqof ta' Akri, li kien preżenti fil-Ħames Kruċjata bħala predikatur. Jacques de Vitry hu xhud ta' min wieħed joqgħod fuqu dwar San Franġisk u l-bidu tal-Ordni tiegħu. Fil-fatt, ftit wara li ġie ordnat Isqof, hu kiteb ittra minn Genova fl-1216, ftit qabel ma salpa lejn Akri, li hi l-eqdem dokument li għandna dwar l-eżistenza tal-patrijiet Minuri fl-Umbria. Meta mbagħad wasal Damietta, jidher li sar jaf bil-preżenza ta' San Franġisk fil-kamp tal-Kruċjati, għax jitkellem dwaru u dwar il-laqgħa li kellu mas-Sultan tal-Eġittu f'ittra li kiteb minn Damietta fl-1220:

"L-imgħallem ta' dawn l-aħwa, jiġifieri l-fundatur ta' dan l-Ordni, ġie fil-kamp tal-eżerċitu tagħna, mimli bil-



*Ghirlandaio, S. Franġisk u l-prova tan-nar quddiem is-Sultan, c. 1483, Cappella Sassetti, Firenze*

ħeġġa tal-fidi, u ma kellux biża' li jmur f'nofs l-eżerċitu tal-għedewwa tagħna u għal bosta ġranet ippriedka lis-Saraċini l-kelma ta' Alla, imma mingħajr ħafna frott. Is-Sultan tal-Eġittu, mandankollu, talbu, ras imb ras, biex jitlob lill-Mulej għalih sabiex, bl-ispirazzjoni divina, hu jkun jista' jħaddan dik ir-reliġjon li l-aktar togħġob lil Alla." (*Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk*, Vol. 2, 1687).

L-istess Isqof kiteb ukoll opra bit-titlu *Historia Occidentalis*. Fil-kapitlu 32 tagħha jitkellem "Dwar l-Ordni u l-Predikazzjoni tal-Patrijiet Minuri", u jerġa' jsemmi l-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan:

"Aħna stajna naraw lil dak li hu l-ewwel fundatur u l-imgħallem ta' dan l-Ordni, u li lilu jobdu l-oħrajn kollha bħala s-superjur ġenerali tagħhom. Hu raġel sempliċi u bla skola, imma għażiż għal Alla u għall-bnedmin, u jismu Fra Francino. Hu kien hekk mimli b'imħabba qawwija u ħeġġa tal-ispirtu li, meta ġie fl-eżerċtu Kristjan, li kien ikkampjat quddiem Damiata, fl-art tal-Eġittu, ried imur, bla biża' u armat biss bit-tarka tal-fidi, fil-kamp tas-Sultan tal-Eġittu. Lis-Saraċini li kienu qabduh priġunier tul it-triq, hu beda jtennilhom: 'Jiena nisrani, ħuduni quddiem is-sinjur tagħkom.' Meta ħaduh quddiemu, u s-Sultan qies il-bixra tal-bniedem ta' Alla, il-bhima kiefra ħassu mibdul fi bniedem umli, u għal bosta ġranet kien jisimgħu bir-reqqa, waqt li hu kien jippriedka lil Kristu quddiemu u quddiem il-kbarat tiegħu. Imbagħad, billi beda jibża' li xi ħadd minn dawk ta' madwaru jħalli lilu nnifsu jikkonverti lejn il-Mulej minħabba l-qawwa tal-kliem tiegħu, u hekk jgħaddi fl-eżerċtu tal-insara, reġa' bagħtu lura fil-kamp tagħna, bil-ġieħ u l-ħarsien mill-periklu. Hu u jinfired minnu, talbu hekk: 'Itlob għalija, sabiex Alla jogħġbu jurini liema liġi u fidi hi l-aktar li togħġbu'" (*Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk*, Vol. 2, 1695).

## Analiżi storika-kritika ta' din il-ġrajja

Ir-rakkont ta' Ernoul jidher li għandu valur storiku importanti, għax ma fih l-ebda element ta' żjieda leġġendarja jew apoloġetika kif naraw fil-fonti dokumentarji aktar tardivi. Fl-istess żmien li kiteb Ernoul u miegħu Jacques de Vitry, fra Tommaso da Celano kien qiegħed jikteb il-*Vita beati Francisci*, li ppreżenta lill-Papa Girgor IX fil-25 ta' Frar 1229. Din hi l-ewwel biografija ta' San Franġisk fost is-sensiela ta' biografiji hekk imsejħin "uffiċjali", bl-iskop li tippreżenta lil San Franġisk, li kien għadu kif ġie kkanonizzat fis-16 ta' Lulju 1228, bħala mudell ta' perfezzjoni Kristjana. Celano hu l-ewwel wieħed li jitkellem mill-impenn ta' San Franġisk li jmur fost is-Saraċini. Isemmi tliet avvenimenti, jiġifieri dak tal-1212, meta Franġisku qasam il-baħar minn Ancona imma spiċċa fid-Dalmazja, dak tal-1213, meta ried imur jevanġelizza lis-Saraċini fi Spanja u jiltaqa' mal-Miramolino, imma marad u kellu jirritorna, u l-vjaġġ tal-1219 li fl-aħħar wasslu fl-Orjent. In-nota karatteristika ta' Celano, u tal-biografi l-oħrajn uffiċjali li kitbu warajh (Julian minn Speyer, Bonaventura minn Bagnoregio), hi dik li jippreżentaw lil San Franġisk li jmur fost is-Saraċini *sacri martyrii desiderio flagrans* (imħeġġeġ bix-xewqa tal-martirju mqaddes), *ad praedicandam fidem christianam* (biex jippriedka l-fidi Kristjana). Ir-rakkont fil-*Vita beati Francisci* (1C 56-57) kellu jipprovdi l-bażi ta' kull rakkont ieħor. Interessanti li kien proprju fl-istess żmien, fis-16 ta' Jannar 1220, li fra Berardo u sħabu sofrew il-martirju mis-Saraċini fil-belt ta' Marrakesh fil-Marokk.

Jidher ċar li l-biografi wara Celano komplew iżidu dettalji oħrajn li huma diskutibbli mil-lat storiku. Hekk jagħmel, per eżempju, San Bonaventura, fil-*Legenda Maior Sancti Francisci*, miktuba fl-1260-1263. Fir-rakkont tiegħu (LM IX,5-6) Bonaventura kellu l-mertu li kien

intervista lil fra Illuminato minn Rieti, li kien akkumpanja lil San Franġisk għand is-Sultan, u li fornih b'xi dettalji interessanti. Fost dawn insibu l-fatt li Franġisku u Illuminato jidħlu fil-kamp tas-Saraċini bħal ħrief qalb l-ilpup, u li jiġu ttrattati b'mod krudil sakemm jitwasslu quddiem is-Sultan. Dan id-dettall seta' kien veru, imma l-kronisti tal-Ħames Kruċjata li rajna ma jsemmu xejn minn dan.

L-aktar element li nistgħu insejħulu leġġendarju fir-rakkont ta' Bonaventura għandu x'jaqsam mal-fatt meta San Franġisk, quddiem is-Sultan al-Malek al-Kamel, sfida lill-mexxejja reliġjużi Musulmani għall-prova tan-nar. Dan il-fatt ġie mmortalizzat f'diversi rappreżentazzjonijiet ikonografiċi ta' San Franġisk matul is-sekli 13 u 14 minn pitturi tal-fama ta' Giotto Bondone u d-dixxipli tiegħu, bħall-każ tal-kappella Bardi f'Santa Croce, Firenze, tal-knisja ta' San Franġisk f'Montefalco, u postijiet oħrajn. Meta wieħed jaqra r-rakkont jidher ċar li San Franġisk ma jiġix ippreżentat bħala pellegrin umli imma pjuttost bħala Kruċjat li ried jisfida lis-Saraċini u jidħol fin-nar quddiem is-Sultan, biex hekk jurih li l-fidi vera kienet dik Kattolika u mhux ir-reliġjon Musulmana. Nafu mir-rakkont li s-Sultan u l-mexxejja reliġjużi tiegħu ma laqgħux l-isfida ta' Franġisku. Dan ir-rakkont fih ċertament element leġġendarju, imma forsi l-iskop ta' Bonaventura kien dak li juri l-ħeġġa kbira li kellu San Franġisk li jsofri l-martirju u jipprova jippriedka lil Kristu lis-Saraċini. Interessanti li Golubovich jinsisti fuq verità li hemm fil-bażi ta' dawn ir-rakkonti, u li tiġi kkonfermata saħansitra mill-kronisti tal-Ħames Kruċjata, jiġifieri li s-Sultan stieden lil San Franġisk joqgħod għandu għal diversi ġranet u kien jisimgħu, u li talbu wkoll jitlob għalih biex jasal għall-għarfien tal-fidi vera.

Dokument interessanti, imma li hu ċertament apokrifu, hu dak magħruf bħala *Verba fratris Illuminati* (*Il-Kliem ta' fra Illuminato*). Dan hu dokument li jitkellem dwar kif San Franġisk kellu jaffronta lis-Sultan li ried iqarraq bih billi jġiegħlu jirfes fuq tapit mimli disinji ta' slaleb, ħalli b'hekk ikun jista' jakkuża lil San Franġisk li jiddisprezza s-salib. Franġisku ma jinkwetax u jidħol normalment jirfes fuq it-tapit, u meta s-Sultan joġġezzjonalu li hu kien iddisprezza s-salib, Franġisku wieġbu li l-veru salib ta' Kristu kien tal-Kristjani, filwaqt li s-Saraċini kellhom is-slaleb tal-ħallelin imsallbin ma' Ġesù! U meta s-Sultan joġġezzjona li l-Kruċjati kienu qed jokkupaw artijiet mhux tagħhom, Franġisku tah tweġiba ta' Kruċjat, u qallu li kienu s-Saraċini li okkupaw l-artijiet li qabel kienu tal-Kristjani, u mhux bil-maqlub. Dan hu dokument li juri kif, lejn tmiem is-seklu 13, il-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan saret okkażjoni biex il-kittieba jiddefendu l-iskop tal-Kruċjata armata billi jappellaw għall-awtorità ta' San Franġisk innifsu!

L-element leġġendarju jidher ukoll fir-rakkont li nsibu fl-*Actus beati Francisci et sociorum eius*, 27, u fil-*Fioretti* ta' San Franġisk, 24. Dan ir-rakkont juri kif San Franġisk kien qed jivvjaġġa fl-artijiet tas-Saraċini, meta waħda prostituta stednitu jidneb magħha. San Franġisk talabha tmur miegħu fejn kien hemm ħuġġieġa nar jaqbad u nxteħet għeri fin-nar u stedinha tidħol miegħu biex tidneb. Il-mara nidmet mid-dnub tagħha u kkonvertiet. Fi tmiem il-laqgħa tiegħu mas-Sultan, dan talab lil Franġisku biex jitlob għas-salvazzjoni tiegħu, u Franġisku wiegħdu li hu kellu jsalvah billi jibgħatlu żewġ patrijiet biex jgħammduh f'isem Kristu qabel imut. U hekk seħħ. Meta San Franġisk kien diġà miet u kien qed imut ukoll is-Sultan al-Malek al-Kamel, San Franġisk deher lil żewġ patrijiet u bagħathom l-Eġittu biex jgħammdu lis-Sultan li hekk miet ta' nisrani u ġie salvat.

Naturalment dawn il-fonti fihom bosta elementi leġġendarji. L-*Actus* ġie

miktub minn fra Ugolino da Montegiorgio fl-1327-1337 u l-*Fioretti* huma adattament tiegħu tat-tieni nofs tas-seklu 14. Ġejjin mill-pinna ta' patrijiet *Spiritwali*, li kienu jiddefendu l-oriġinalità tas-sejħa Franġiskana b'ton polemiku, u li għamlu minn San Franġisk profeta tal-aħħar żminijiet. Imma l-aktar element importanti, li dwaru nitkellmu fl-artiklu li jmiss, hu l-fatt li l-*Actus* jgħidulna li s-Sultan ta *signaculum*, jew dokument (firman) lil San Franġisk, biex hu u l-patrijiet tiegħu jkunu jistgħu jivvjaġġaw żguri fit-territorji Saraċini:

"Il-missier l-aktar qaddis Franġisku, imqanqal mill-ħeġġa tal-fidi u tal-martirju, mar lil hinn mill-baħar ma' tnax minn sħabu l-aktar qaddisin, u ried imur direttament għand is-Sultan. Malli wasal fl-artijiet tal-pagani, fejn it-toroq kienu mħarsa minn irġiel kiefra li l-ebda Kristjan ma kien jista' jiltaqa' magħhom mingħajr ma jduq il-mewt, bir-rieda ta' Alla hu u sħabu ħelsu mill-mewt. Qabduhom, sawtuhom b'diversi manjieri u rabtuhom sewwa, imbagħad ħaduhom quddiem is-Sultan. Quddiemu, San Franġisk, mgħallem mill-Ispirtu s-Santu, ippriedka fuq il-fidi kattolika b'mod tant divin li offra lilu nnifsu



*San Bonaventura - Peter Paul Rubens*

biex jipprova l-verità tagħha billi jgħaddi min-nar. Meta ra dan is-Sultan wera qima kbira lejh, kemm għas-saħħa tal-fidi tiegħu, kif ukoll għall-mod kif kien jiddisprezza d-dinja - għax hu ma ried jirċievi l-ebda rigal minkejja l-fatt li kien fqir - kif ukoll minħabba l-fervur tal-martirju li wera. Minn dak il-waqt is-Sultan kien jisimgħu bil-qalb u kien jitolbu li jmur quddiemu ta' spiss. Fuq kollox, bil-ġenerożità kollha, ta lil San Franġisk u lil sħabu l-permess li jippridkaw liberament kull fejn iridu. U tahom ukoll *signaculum* (sinjal ta' rikonoxximent), biex hekk ħadd ma jagħmlilhom ħsara" (Traduzzjoni minn *Atti del Beato Francesco e dei suoi Compagni*, cap. 27, in *Fonti Agiografiche dell'Ordine Francescano*, 1547).

Meta naqraw dawn ir-rakkonti tiġina spontanja l-mistoqsija: kemm hemm verità storika fihom? X'inhu l-iskop tagħhom? Huma tassew ħrejjef? Ċertament mhux faċli nwieġbu, u nafu biżżejjed kemm il-biografi ta' San Franġisk u l-kompilaturi tas-seklu 14 riedu jagħtu idea tal-qaddis bħala wieħed li kien jaqbel mija fil-mija mal-ispirtu tal-Kruċjati. Forsi jeħtieġ insibu soluzzjoni bejn interpretazzjoni fidila tagħhom li tara fihom biss verità storika, u dik li tqishom bħala dokumenti artifiċjali li għawġu l-istorja għal skopijiet apoloġetiċi favur il-Kruċjata. Is-soluzzjoni għall-problema mhijiex faċli, għax id-dokumentazzjoni li għandna hi limitata. Rajna l-valur tal-kronisti tal-Ħames Kruċjata, kif ukoll l-iżviluppi li żiedu l-biografi ta' San Franġisk. Fuq min minnhom nistgħu norbtu l-argumenti tagħna b'mod konvinċenti?

Girolamo Golubovich għażel it-triq tal-moderazzjoni, u juri kif anke f'dawn ir-rakkonti hemm elementi ta' verità. Fadlilna naraw x'ġara meta San Franġisk irritorna mil-laqgħa tiegħu mas-Sultan al-Malek al-Kamel. Kemm dam fl-Orjent? Telaq lura l-Italja mill-ewwel jew inkella baqa' fl-Orjent għal xi żmien? Veru li hu żar l-Art Imqaddsa u l-Qabar ta' Kristu? Veru li l-istorja tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa tmur lura eżattament għal din il-mawra epika ta' Franġisku fl-artijiet "lil hinn mill-baħar", 800 sena ilu?



# IS-SIMBOLIŻMU TAL-ĠISEM TAL-BNIEDEM FIL-KULTURA BIBBLIKA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Qegħedni bħal siġill fuq il-qalb tiegħek, siġill fuq id-driegħ tiegħek, għaliex bħall-mewt qawwija l-imħabba; daqs Art l-Imwiet hi kiefra l-għira; ix-xrar tagħha xrar tan-nar, nar tal-Mulej." (Għanja tal-Għanjiet 8:6).*

## Il-Ġisem Uman fil-Bibbja

Il-bniedem huwa maħluq (il-verb: *bara*, fis-Sanskrit *kri* u għalhekk 'kreazzjoni') fuq ix-xbieha (bil-Grieg: *eikona*) ta' Alla, raġel u mara (ara Ġob 10, 8-10): "Nagħmel il-bniedem skont ix-xbieha tiegħi. Imbagħad ħalaq il-bniedem (Adam) skont ix-xbieha tiegħu; maħluq skont ix-xbieha ta' Alla; raġel (ish) u mara (ishah) ħalaqhom" (Ġenesi 1, 26-27). Il-bniedem (bil-Grieg: *anthropos*) huwa msemmi 550 darba fil-Bibbja filwaqt li l-kelma 'raġel' (aner) tinsab 216-il darba. Sfortunatament il-kultura moderna tippreżentalna lill-bniedem bħala oġġett fejn il-ġisem tal-bniedem sar strument ta' pjaċir. Il-Bibbja għandha tifħir għoli għall-ġisem tal-bniedem bħala sabiħ (jafeh) u tajjeb (tob) u tħares lejh fil-kuntest tal-persuna tal-bniedem maħluq minn Alla (ara Salm 8). Dan huwa ferm differenti mill-kultura Griega li kien tqis lir-ruħ tal-bniedem bħala priġunier (bil-Grieg: *sema*) fil-ġisem (u għalhekk bil-Grieg: *soma*) li jeħtieġ teħles minnu u xejriet duwalistiċi oħra pitagorjani u platoniċi (Platun 428-349 Q.K.).




Fil-Bibbja nsibu dik li ngħidulha antropoloġija unitarja, il-ġisem (Ebr: *basar*, Assirjan: *zumru*, Sumeru *su*) u r-ruħ (Ebr: *ruah*, *nefesh* u *leb*) flimkien. Il-kelma *basar* insibuha 273 darba fl-Antik Testment, (fl-Għarbi għandna l-kelma *basara* li tfisser 'taħbi'). Fl-Ebrajk għandna ukoll kelmiet oħra bħal: *gewigha*, *zemorah*, *esem* u *beten*. Mill-kelma *esem* insibu l-kelma *asam* li tfisser 'saħħa'. U mill-kelma *gewigha* mnissla l-kelma *goy* li tfisser bl-Ebrajk 'poplu'. Il-kelma *zemorah* tfisser proprjament 'fergħa' li minnha ġejja l-kelma *zamar* li tfisser 'tiżbor is-siġar'. Tajjeb ukoll li ngħidu li l-kelma Ebrajka *basar* tirreferi wkoll għall-umanità. Il-ġisem mejjet huwa mfisser bil-kelmiet: *gufa*, *nebela* u *peger*. Fil-fatt għal San Pawl *soma* tfisser li l-bniedem huwa ġisem u mhux li għandu ġisem u jużа l-kelma *sarx* biex jindika l-laħam tal-bniedem imwaqqa' fid-dnub u li din is-*sarx* ġiet mifdija wkoll (ara 1 Kor 6, 12-20 u l-prologu ta' San Ġwann, fejn il-verb sar *sarx*). Huwa fatt interessanti



li fil-Bibbja nsibu diversi simboliżmi marbuta mal-partijiet differenti tal-ġisem tal-bniedem per eżempju d-demm, il-qalb, in-nifs, il-moħħ, l-imnieħer, l-għonq, il-griżmejn, l-ilsien, l-istonku, l-imsaren, il-fwied, il-kliewi, marrara, il-ġuf, ir-ras, ix-xagħar, l-għajnejn, il-widnejn, il-ħalq, l-ilsien, l-idejn, is-saqajn, l-għadam (bil-Grieg: *osteon* li ġejja mil-lingwa antikissima orjentali tas-Sanskrit *asthin*), ġilda (bl-Ebrajk *or*, Assirjan *uru*, Sumeru *maxku* u bl-Għarbi *aurah* fejn fil-Malti għandna l-kelma 'għarwien' b'rabta ma' dawn il-lessemi, bl-Għarbi hemm ukoll *sallaha* fejn fil-Malti għandna 'salha' tal-ġisem u bl-Għarbi ukoll insibu *baxar* u *adam*), kustilja (jew ġenb, bl-Ebrajk *tsela*, bl-Għarbi *sulu*, bil-Malti 'djul'), il-mudullun u l-ġilda. Fl-Ebrajk hemm l-istess kelma għall-moħħ u l-mudullun bil-kelma *moah* (ara Ġob 21:24). Insibu diversi kliem, ideat u immaġni marbuta ma' dan is-simboliżmu korporju tal-ġisem uman.

Hawnhekk naraw influssi ta' diversi kulturi marbuta mal-Bibbja li mbagħad stabilixxew ruħhom bħala simboli teoloġiċi u Kristjani għalkemm il-kulturi pagani ffokaw l-iktar fuq l-organi marbuta mal-fertlità. Wieħed mill-kotba bibliċi li fih dan is-simboliżmu qawwi huwa bla dubju ta' xejn il-ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet: "Inti sraqtli lil qalbi, għarusa tiegħi, int





straqtli lil qalbi, sa b'ħarsa waħda tiegħek, sa b'waħda biss mill-ġawhar ta' fuq għonqok! Imħabbtek kemm hi ħelwa, oħti għarusa, kemm hi aħjar imħabbtek mill-inbid! Riħet fwiħatek oħla minn kull balzmu! Xofftejk, għarusa tiegħi, qattru għasel safi, u taħt ilsienek għasel u ħalib. Riħet l-ilbiesi tiegħek bħal dik tal-Libanu" (Għan 4:9-11). Il-ġisem uman jifforma għalhekk simboli mill-iktar antiki u profondi.

## Il-Ġisem u d-Demm

San Ġwann l-evanġelista juża l-kelma 'laħam' u mhux 'ġisem', biex juri r-realtà tal-ġisem tal-bniedem. Fil-Grieg ta' San Ġwann għandna l-kelma *sarks* li tfisser 'laħam tal-ġisem' (bl-Ingliż: *flesh*) u mhux il-kelma Griega *soma* li tfisser 'ġisem' (*body*, il-kelma Griega hija nfluwenzata mis-Sumeru *su* li tfiiser ġisem u *zu* li tfisser 'tagħraf korporalment' jew 'timla bil-għerf'). Fl-Assirja nsibu l-kelma *amaru* b'rabta li tagħraf il-ġisem. Il-komponent l-ieħor għal mal-laħam tal-ġisem, hu d-demm (*dam*, bil-Grieg: *haima*, bil-Hitti: *zukri*), li skont id-dinja Lhudija huwa dan li jagħti l-ħajja lil-laħam, litteralment il-ħajja fil-vini tal-bniedem (ara Ġenesi 9,4, fejn insibu l-projbizzjoni li ma jiklux laħam bil-ħajja tiegħu ġo fih, jiġifieri bid-demm). Għalhekk id-demm huwa marbut mas-sagru u t-tixrid tiegħu huwa dejjem profanazzjoni: "Għax il-ħajja ta' kull laħam hi f'demmu u min jiekol minnu jinqata' 'l





barra" (Lev 17:14). Fil-Ġdid Testment naraw id-demm innoċenti ta' Kristu mxerred għall-fidwa tagħna (ara Rumani 5:9). Iċ-ċentru ta' dan il-ġisem uman hija l-qalb (*leb* jew *lebab*, bl-Assirjan: *qablu* li tfisser 'fin-nofs' jew 'tkun quddiem', fil-Malti għandna l-kelma 'qabel' jew 'qrib') li għandha importanza kbira fil-Bibbja. Hija wkoll iċ-ċentru tal-għerf fil-kultura Ebrajka: "il-qalb ferrieħa tagħmel il-wiċċ daħkan, imma l-qalb imnikkta tmewwet ir-ruħ" (Prov 15, 13). Mhux ta' b'xejn li l-kelma 'qalb' insibuha 850 darba fil-Bibbja. It-terminu Grieg għall-qalb *kardia* jista' jfisser ukoll il-'moħħ'.

## Simbolu Korporju

L-Għaxar swaba' ta' l-id u tas-saqajn huma marbuta mal-għaxar kmandamenti ta' Alla. Il-parti tal-lemin tal-ġisem hija marbuta mad-dawl u mat-tajjeb u l-parti tax-xellug mad-dlam u mal-mewt. Il-moħħ huwa marbut mal-għerf u l-qalb mal-imħabba. Ir-ras hija simbolu tal-awtorità. San Pawl jesprimi dan il-ħsieb meta jitkellem dwar ir-rabta ta' Kristu mal-Knisja: "Kristu hu r-Ras fuq il-Knisja kollha, li hi Ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox" (Efesin 1, 23). L-għajn hija d-dawl u l-musbieħ għall-ġisem kollu (ara Matt 6, 22). Il-widnejn huma marbuta mas-smigħ u mal-ubbidjenza tal-kmandamenti ta' Alla. Il-widnejn ta' Alla jfisser li huwa jisma' t-talb tal-poplu tiegħu kif naraw fis-Salm 94, 9. Fil-konsagrazzjoni tal-qassis Lhudi it-tarf tal-widna l-leminija tiegħu kien jiċċappas bid-demm tas-sagrifiċċju (ara Lev 8, 23). L-id ta' Alla hija marbuta mal-ħolqien waqt li l-id tal-bniedem hija marbuta mal-kapaċità u mal-fejqan: "Ejja qiegħed idek fuqha u hija tgħix" (Matt 9, 18). Ix-xofftejn permezz tal-bewsa huma turija ta' ġieħ, rispett u mħabba. L-idejn fil-Bibbja huma marbuta mal-barka, impożizzjoni u konsagrazzjoni (ara Ġen 48, 14). Il-ġuf (bl-Ebrajk: *rehem*) ifisser ħniena u kompassjoni kif naraw f'Isaija 47, 6 u Lamentazzjonijiet 3, 22. Ix-xagħar huwa simbolu tal-qawwa. Il-wiċċ ta' Alla fil-Bibbja jrid juri l-preżenza tiegħu: "Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek" (Salm 4:7). L-għadam huwa meqjuż li għandu fih iż-żerriegħa tal-qawmien tal-ġisem (ara Eżekjel 37). Interessanti l-etimoloġija tal-kelma Ebrajka għall-irkoppa *birku* li tfisser 'tgħawweġ' b'rabta mal-kelma 'barka'. Għalhekk il-knisja tħares b'mod posittiv lejn il-ġisem tal-bniedem kif tgħidilna l-*Gaudium et spes* fin-numru 14, il-ġisem huwa mezz ta' salvazzjoni skont Tertulljanu *caro cardo salutis* (ara Rumani 12:1). Ir-rebħa ta' Kristu fil-qawmien u fuq il-qabar vojt hija r-rebħa glorjuża tal-ġisem mejjet li qam u għalhekk mhuwiex 'qabar' għar-ruħ.

## Bibliografija

Aaron Son, S., "Implications of Paul's 'one flesh' concept for his understanding of the nature of man", in *Bulletin for Biblical Research* 11 (2001) 107-122.

Biedermann, H., *The Wordsworth Dictionary of Symbolism*, New York 1996.

Carmichael, C., *Sex and religion in the bible*, New Haven (CT) 2010.

Danielou J., *I simboli cristiani primitivi*, Roma 1990.

Guinan, M.D., "Images of God in the Wisdom Literature", in *The Bible Today* 38 (2000) 223-227.

Haupt, P., "To know means to have sexual commerce", in *Journal of Biblical Literature* 34 (1915) 71-76.

Haupt, P., "Some Assyrian Etymologies", in *The American Journal of Semitic Languages and Literatures* 26 (1909) 1-26.

Haupt, P., "Assr. Birku, knee, and karabu, to bless", in *Journal of Biblical Literature* 39 (1920) 163-172.

Heimbach, D.R., *Eternally Fixed Sexual Being*, Paper presented at the Building Strong Families Conference, sponsored by Family Life and CBMW, Dallas (TX) 2000.

Hodgens, D., "Our resurrection body: an exegesis of 1 Corinthians 15:42-49", in *Melanesian Journal of Theology* 17 (2001) 65-91.

James, S., "Are There Essential Differences Between the Sexes? – Review Article", in *Themelios* 26 (2001) 51-63.

Jones, P., "Androgyny: the pagan sexual ideal", in *JETS* 43 (2000) 443-469.

Kaplan, J., "The Song of Songs from Bible to the Mishnah", in *Hebrew Union College Annual* 81 (2010) 43-66.

Leon-Dufour X., *Dictionary of Biblical Theology*, London 1969.

Lurker, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

Motyer, J.A., "Body", in *Dictionary of New Testament Theology*, 3, Exeter (UK) 1978.

Pilch, J.J., *The cultural Dictionary of the Bible*, Collegeville (Minnesota), 1999.

Schwiezer, E., "soma", in *Theological Dictionary of the New Testament*, VII, 1062.

Secunda, S., "The Construction, composition and idealization of the Female Body in Rabbinic Literature and Parallel Iranian Texts: Three Excursuses", in *Nashim: A Journal of Jewish Women's Studies and Gender Issues* 23 (2012) 60-86.

Staubli, T. – Schroer, S., *Body Symbolism in the Bible*, Collegeville (MN) 2001.

Stibbs, A.M., "The meaning of the word 'blood' in Scripture", *The Tyndale New Testament Lecture,* 1947.

Wilkonson, J., "The body in the Old Testament", in *EQ* 63 (1991) 195-210.



# L-INTIMITÀ TA' MOSÈ MA' ALLA TISSARRAF F'QADI (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Fil-ktieb tan-Numri, Mosè jiġi msejjaħ "qaddej" kelma li fil-Bibbja tfisser ħafna għaliex il-qaddej irid jiddisponi ruħu għal ħafna u ħafna xogħol. "Mhux hekk ma' Mosè il-qaddej tiegħi, il-bniedem li fdajtlu dari" (Num 12,7). Dan it-titlu prestiġjuż u fl-istess ħin ta' responsabiltà jerġa' jidher fid-Dewteronomju. "U hemm miet Mosè, il-qaddej tal-Mulej fl-art ta' Moab, bħalma ried il-Mulej." (Dt 34,5).

Fl-ittra lil-Lhud ukoll dan il-leġislatur Mosè jerġa' joħroġ għad-dawl. Mosè hawn jiġi mfaħħar għall-fidi tiegħu, mhux biss imma saħansitra "ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun" (Lhud 11,24). Biss meta mxebbah ma' Kristu, Mosè inaqqas ħafna mill-qawwa tiegħu. "Tassew li Mosè kien fidil fid-dar kollha ta' Alla bħala qaddej, u dan għamlu b'xhieda ta' dak li kien għad irid jgħid Alla." (Lhud 3,5). Għalhekk tkun ħaġa sewwa li wieħed jifli sew ħajjet dan il-personaġġ u jara fejn matul il-mixja fid-deżert, Mosè wera tassew li kien qaddej ta' Alla u tal-poplu afdat f'idejh.

## Il-qadi tal-ħobż u l-ilma

L-intimità li għadda minnha Mosè kemm meta sab ruħu quddiem l-għollieq jaqbad, meta kien fuq is-Sinaj, kif ukoll meta ġie wiċċ imb wiċċ mal-Arka, dan kollu ssarraf f'qadi tanġibbli mal-poplu. Dan il-ġens kien għadu kemm qasam il-Baħar tal-Qasab. Kompla għal mixja ta' tlitt ijiem sħaħ, iżda fl-aħħar beda jgerger għaliex naqaslu l-ilma (Eż 15,23). Issa din il-problema tal-ilma aktar u aktar fid-deżert ħami u ħarr tas-Sinaj kienet tassew problema qawwija, waħda mhux la kemm iġġerragħha. Mosè qatt ma għaddielu minn moħħu li bħala mexxej se jkollu jħabbat wiċċu ma' din id-diffikultà hekk kbira.

Mosè ried iva jwassal u jdaħħal in-nies fl-Art Imwiegħda. Kien wisq preokkupat dwar dan! Tant li tfaċċat problema oħra, u anqas b'din ma ntebaħ! Din id-darba kien hemm in-nuqqas tal-ħobż (Eż 16, 3-4). Element ieħor indispensabbli għall-għejxien! U mingħajr ma xtaq, Mosè hawn ukoll sab ruħu f'bawxata oħra. Kif se jirnexxilu qatt ixebba' tant eluf ta' nies u bhejjem f'dak id-deżert! Man-nuqqas tal-ħobż inħass ukoll dak tal-laħam (Eż 16,8-12).

Mela l-ewwel u forsi l-aktar servizz elementari li kellu jerfa' Mosè kien dak tal-ħtieġa għall-ilma, ħobż u laħam. Iżda l-fidi msieħba mal-intimità li Mosè kellu u wera f'Alla għamilha bil-fiduċja, b'responsabiltà u bil-ferħ.

## Il-parir ta' Ġetru

Waqt dawn il-mumenti tqal u ta' qtigħ ta' qalb, ta' konfużjoni u għeja, jidħol sew fix-xena ħaten Mosè nnifsu, Ġetru. Mosè kellu assolutament bżonn tal-għajnuna. Il-vjaġġ kien tqil ħafna! Nies ġejjin u sejrin quddiem Mosè biex dan il-mexxej iħejjinhom u jagħtihom il-pariri siewja tiegħu. "Għax qiegħed



bilqiegħda waħdek u l-poplu wieqaf quddiemek minn filgħodu sa filgħaxija? Tinkedd int u jinkedd il-poplu li hawn miegħek. Għax dan ix-xogħol hu wisq għalik" (Ez 18,14. 18).

Ġetru kien bniedem prattiku ħafna, tant li ħareġ b'soluzzjoni tassew meħtieġa u prattikabbli, soluzzjoni li ħalliet tassew il-frott meħtieġ. Ara x'parir ta Ġetru lil Mosè: "U int agħżel nies ta' ħila mill-poplu, nies li jibżgħu minn Alla, nies ta' fiduċja u jobogħdu r-regħba; u qegħedhom kapijiet" (Eż 18,21). Dan huwa prinċipju li jissejjaħ tas-sussidjarjetà.

Mela minn din l-esperjenza Mosè tgħallem u kkonkluda li hu mhux kapaċi jagħmel kollox waħdu tajjeb: Il-fiduċja f'Alla li sejjaħlu għal dik ir-responsabiltà kienet titlob ukoll minnu sens qawwi ta' fidi f'Alla; Hekk Mosè kompla sar realistiku ħafna u prattiku fit-telqa tiegħu lejn u ma' Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u Ġakobb.

## Is-servizz tal-qadi fit-talb

Aktar ma beda jgħaddi żmien minn fuq Mosè, u allura l-esperjenza tal-ħajja aktar għamlitu raġel matur, Mosè induna li fost il-ħafna attivitàjiet favur il-poplu afdat f'idejh, kien hemm bżonn ukoll tat-talb. Anzi hu ra l-qawwa u l-hena li jħoss min jitlob bil-fiduċja u bil-qalb lil Alla wieħed, ħaj u veru. U hawn kienet waħda mid-differenzi kbar bejn l-allat li Mosè kien imdorri jħabbat wiċċu magħhom l-Eġittu u Alla tal-Lhud, Alla li jista' kollox, Alla, wieħed, ħaj u veru.



Bosta huma l-okkażjonijiet fejn Mosè b'fiduċja fuqu jitlob 'l Alla biex jaħfer ħtijiet il-poplu. Eżempju ċar seħħ fil-ġlieda qalila li kellhom il-Lhud kontra l-Għamalekin. Sakemm Mosè kien qed jitlob u idejh iżommuhomlu Aron u Ħur il-Lhud kienu minn fuq; meta Mosè kien jieqaf, kienu l-Għamalekin minn fuq (Eż 17,11-12). Il-perseveranza fit-talb ta' dan il-leġislatur kompliet toħroġ għad-dawl meta idejn Mosè "baqgħu

sodi merfugħa sa nżul ix-xemx" (Eż 17,12). Hekk Ġożwè rebaħ il-gwerra grazzi għall-interċessjoni ta' Mosè.

Dan il-każ ta' talb, u l-qawwa tiegħu ħafna snin wara jirrepeti ruħu fil-każ ta' Zakkarija u martu Eliżabetta. Gabriel qallu sew ħafna u mingħajr ebda tlaqlieq lil Zakkarija: "Tibżax Zakkarija għax it-talba tiegħek instemgħet: martek Eliżabetta se tagħtik iben, u inti ssemmih Ġwanni" (Lq1,13). L-istess ħaġa ġara minn Pietru meta dan kien marbut sew fil-ħabs: "Pietru, meta dan kien marbut "b'żewġ ktajjen" (Atti12,6a) fil-ħabs f'Ġerusalemm. Fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-Knisja titlob għalih bil-ħerqa. U l-effett deher tassew għaliex Pietru b'għaġeb kbir inħeles mill-ħabs.

Il-qadi sħiħ ta' Mosè lejn il-poplu tiegħu jkompli jidher f'każ erojku ieħor tassew. Mosè hawn qed igħix l-esperjenza tal-poplu tiegħu stess qisu wieħed minnhom. Il-poplu reġa' dineb bil-qawwa kollha meta għamel għoġol tad-deheb. Għalhekk il-kastig kien tassew imminenti. U mill-ġdid indaħal Mosè quddiem Alla biex dan jaħfrilhom. U dan ma kienx biżżejjed għaliex Mosè talab lil Alla biex il-kastig jieħdu huwa wkoll flimkien man-nies. "Imma jekk ma taħfrilhomx ħassarni mill-ktieb li inti ktibt" (Eż 32,32). Hawn il-kelma "ħassarni" tfisser ibgħatli l-mewt. Mosè kien lest tassew li jissagrifika ħajtu għall-poplu li tiegħu kien responsabbli minnu. Att tassew erojku għal-leġislatur Mosè.

Fl-ittra tiegħu lir-Rumani San Pawl ukoll joħroġ għad-dawl eżempju li jixbah perfettament lil dak ta' Mosè: "Nixtieq li kont jiena stess maqtugħ minn Kristu minħabba f'ħuti, nies ġensi skont il-ġisem" (Rum 9,3).

Dan il-qadi ta' Mosè lejn u mal-poplu tiegħu huwa tassew wieħed rari; anzi att erojku. Mosè wasal sa dak il-waqt li jsir vittma għal ġensu, biex ipatti fl-ogħla grad għall-poplu tiegħu. Dan hu tassew servizz ta' qadi fit-talb. U Mosè seta' jasal sa hawn grazzi għall-intimità li kontinwament kellu ma Jaħweh.



## Is-servizz tal-qadi tal-Kelma

Din il-kwalità ta' servizz kienet waħda primarja u dominanti fis-servizz li offra Mosè lill-poplu. Nafu li l-akbar u l-ogħla missjoni ta' dan il-leġislatur kienet ix-xandir f'waqtu u barra minn waqtu tal-Kelma. Fil-ktieb tad-Dewteronomju wieħed jista' jikkonkludi kemm dan kien tassew veru.

Ben Sirak jagħżel u jgħolli ħafna lil Mosè fil-ġieh dejjem grazzi għal din il-missjoni ta' għalliem u xandar. Dan ġara għaliex Mosè kien imbierek minn Alla u mill-bnedmin. "Għall-kelma tiegħu għamel l-għeġubijiet u tah glorja quddiem is-slaten; tah il-kmandamenti għall-poplu tiegħu u wrieh xi ħaġa mill-glorja tiegħu. Qaddsu għax kien fidil u umli, għażlu minn fost il-bnedmin kollha. Semmagħlu leħnu, u daħħlu fid-dalma, u wiċċ imb wiċċ tah il-kmandamenti, il-Liġi tal-ħajja u l-għerf, biex jgħallem lil Ġakobb l-ordnijiet tal-patt, u d-digrieti tiegħu lil Israel." (Sir 45,3-5).

Ta' min isemmi wkoll dak il-passaġġ li minnu Mosè beda s-servizz tal-Kelma mal-poplu tiegħu: "Mosè tela' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu: "Dan għid lil dar Ġakobb u għarraf lil ulied Israel" (Eż 19,3). F'dan il-kuntest hawn riferenza ċara għad-



dekalogu u għal-Liġi qaddisa tagħhom il-Lhud. Minn dak il-waqt 'il quddiem, Mosè għex għas-servizz tal-kelma ta' Alla fdata lilu biex hu jgħaddiha lin-nies afdati lilu.

## Mosè xempju

L-awur tal-ittra lil-Lhud fi ftit kliem jesprimi dak li fir-realtà kien tassew Mosè: "Tassew li Mosè kien fidil fid-dar kollha ta' Alla bħala qaddej, u dan għamlu b'xhieda ta' dak li kien għad irid jgħid Alla." (Lhud 3,5). Mosè kien tassew qaddej fid-diversi toroq fuq imsemmija.

Din ir-responsabiltà hekk wiesgħa ta' ħidma, turi kemm Mosè kien tassew bniedem ta' min joqgħod fuqu, wieħed li tista' tafdah: U dan għaliex Mosè kien sar kollox mal-poplu ta' Israel grazzi għall-intimità li kiseb matul iż-żmien.

Mosè seta' jkompli dan il-qadi kollu minkejja l-bosta difetti li kellu, seta' jġib fi tmiemu u sal-aħħar dan ix-xogħol għaliex kellu fidi f'Alla li sejjaħlu għal din il-missjoni u grazzi għall-intimità li akkwista matul iż-żmien.



# PIETRU U PAWLU FEJQAN MIR-RABJA

*Marcello Ghirlando ofm*

## Ir-rabja fostna

Xi kultant fil-ħajja ngħaddu minn esperjenzi żgħar, forsi anke banali, imma li jservu ta' xprun biex nagħmlu riflessjoni fuq l-affarijiet aktar serji tal-ħajja ta' kuljum …

F'qalbi għidt: kemm hawn rabja fostna! Qisu din l-emozzjoni qed tgħolli rasha kullimkien: fil-familji tagħna, fl-għaqdiet reliġjużi tagħna, fil-Knisja. Is-sentiment tar-rabja li sfortunatment xi kultant ma jibqax rabja komuni imma jsir qilla u korla. Eżempji għandna kemm irridu. Biżżejjed inħarsu lejn il-ħajja tagħna, kemm xi kultant taqbżilna ċ-ċinga, kif ngħidu bil-Malti, għal ċirkustanzi forsi anke żgħar jew banali fil-familja, fil-post tax-xogħol, fil-post fejn nistrieħu. Imma intom bħali tagħmlu differenza: li f'ħajjitna hemm rabja u hemm *rabja*. Hemm rabja li bil-Malti nsejħulha 'nar tat-tiben' u minn dan ikollna ħafna, imma nafu li jgħaddi. Qisu xi kultant in-natura tal-bniedem tħoss il-bżonn li terħi l-fwar, bħal tal-*pressure cooker*. Però mbagħad hemm rabja li hija aktar serja. Hija rabja, mhux ta' mument jew nar tat-tiben jew mument ta' fixla li jgħaddi, hija rabja li spiss tnizżel l-għeruq fil-qalb tagħna.

U anke hawnhekk, jekk inħarsu ftit lejn il-ħajja tagħna ta' kuljum nindunaw kemm għandna eżempji. Forsi aħna stess ingorru rabja fina ġejja minn meta konna ċkejknin. Forsi ħassejna li l-ġenituri tagħna ma kinux ġusti magħna, u din mhix xi ħaġa tal-passat. Staqsu l-għalliema, staqsu lill-LSEs u l-*counsellors* tal-iskejjel kemm imissu rabja. Rabja profonda u mhux nar tat-tiben. Pereżempju fil-qlub tat-tfal u taż-żgħażagħ tagħna li sfortunatament spiss saru l-vittmi ta' deċiżjonijiet żbaljati li aħna l-kbar ħadna. Tfal u żgħażagħ irrabjati minħabba l-firdiet fil-familji, tfal u żgħażagħ irrabjati għax huma konxji li saru blalen ta' konvenjenza bejn il-ġenituri miġġielda tagħhom. Kemm rabja li tniżżel l-għeruq fil-fond tal-qalb tagħna. Meta fil-familja jkun hemm il-mard, meta koppja tixtieq it-tfal u ma jistax ikollha, meta titlef it-tarbija, meta jitwieldu wliedna b'xi diżabilità.

Xi kultant jekk ma jkollniex il-ħila li nissieltu ma' dawn ir-realtajiet, xi kultant anke mingħajr ma nindunaw, mingħajr ma nkunu konxji, inbejtu rabja f'qalbna. Rabja għaċ-ċirkustanzi tal-ħajja, rabja għax jien ma ħadtx promozzjoni u sieħbi forsi b'qerq u korruzzjoni ħadha u issa qed jikkmandani u jgħaffiġni. Rabji li spiss ibejtu fuq il-feriti u l-uġigħ interjuri li jkollna fil-fond tal-qalb tagħna. Sfortunatament, meta aħna għal żmien twil inbejtu din it-tip ta' rabja nindunaw li, konxjament jew inkonxjament, ikollna rabja kbira għal Alla nnifsu. Inħossu li Alla ma kienx ġust fil-ħajja tagħna. Inħossu li f'ċertu ċirkustanzi u f'ċertu weġgħat tal-passat jew tal-preżent, ta' meta kont ċkejken jew ta' meta kont kbir, Alla ma kienx preżenti fil-ħajja tiegħi. Mingħajr ma nindunaw, għax spiss m'aħniex kapaċi nħarsu lejn ir-realtà tagħna kif suppost, għax nibżgħu minna nnifisna, ikollna dik ir-rabja għal Alla: rabja għal Alla u l-proġett tiegħu fil-ħajja tagħna.

## San Pietru u Sawl: umani bħalna

Jien ma nixtieqx innizżel lil San Pietru u San Pawl minn fuq il-pedestall ta' qalbkom. Imma ppermettuli nippreżenta lil dawn iż-żewġ qaddisin kbar fl-umanità tagħhom. Ippermettuli nippreżenta malajr malajr il-personalità ta' Pietru u Pawlu, l-istorja ta' Pietru u Pawlu, anke fil-kuntest tal-esperjenza tant umana tar-rabja. Aħna spiss lill-qaddisin neżaltawhom, nagħmlulhom festi kbar, anzi aktar ma jkun kbir il-pedestall u aktar ma jkunu 'l bogħod minna qisu bħal donnu aktar nieħdu pjaċir. Imma jien nixtieq inġib lil Pietru u lil Pawlu fl-umanità dgħajfa tagħhom, qabel ma huma għamlu esperjenza tal-fejqan li setgħet tagħtihom, anke f'dan il-kamp tar-rabja, l-istess imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu.

## Ir-rabja ta' Pietru

Ġibu quddiem għajnejkom lil Pietru. Ġibu quddiem għajnejkom tant siltiet fil-Vanġelu fejn Pietru, fil-verità jekk aħna naqraw



tiegħi, u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex.' (Mt 16, 18) Imma intom tafu x'jiġri wara. Meta Ġesù jippreżenta l-proġett ta' Alla għalih u anke għall-Appostli, u jgħid li iva hu kellu jkun il-Messija, imma kellu jkun Messija tat-tbatija, dik kienet daqs li kieku vleġġa li qasmet il-qalb tal-Appostlu Pietru. L-Evanġelisti jgħidu: 'Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: 'Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!' (Mt 16,22) Li kieku niggustaw din il-kelma fil-verità, 'beda jlumu,' kważi kważi nistgħu ngħidu li beda jsabbat saqajh, anzi jien nażżarda ngħid – u ma naħsibx li qiegħed niżbalja – li Pietru f'dak il-ħin qabżitlu ċ-ċinga. Hu li kien għadu kif irċieva dik il-kelma tant sabiħa: 'fuq din il-blata jiena nibni l-knisja tiegħi,' u mbagħad Ġesù jiġi jitkellem mill-proġett tat-tbatija, mill-

il-Vanġelu sewwa u b'sinċerità, jiżvoga r-rabja tiegħu. Dalgħodu tħabbrilna dak il-Vanġelu tant sabiħ: 'Min jgħidu n-nies li hu Bin il-Bniedem?' (Mt 16,13)

u Pietru, mnebbaħ mill-ispirtu ta' Alla jwieġeb: 'Inti l-Messija ta' Alla' (Lq 9,20); u dik il-kelma solenni ta' Ġesù: 'Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja





pjan ta' tislib u mewt. Pietru jitlifha!

Pietru f'dak il-mument jirrifjuta l-kelma ta' Ġesù. Jekk tindunaw hemm rifjut sħiħ ta' Ġesù kif xtaqu Alla l-Missier. Anzi jien ngħid li kien hemm rifjut ta' Ġesù veru, ta' Ġesù li kellu jsalva lill-bnedmin, fil-misteru tat-tbatija bis-salib imqaddes. 'Ma jkun qatt Mulej li dan jgħaddi mingħalik.' U xi kultant meta nimmaġina din is-silta tal-Vanġelu fejn Pietru fil-veru sens tal-kelma jitlifha, nista' nimmaġina x'seta' ħass ġo fih meta Ġesù jżid: 'Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu ta' kuljum u jimxi warajja.' (Lq 9, 23) Ma timmaġinawhx intom bħali lil Pietru, dik is-susa, dak id-dudu tar-rabja jdur ġo fih, jippressah ġo fih? U mhux l-ewwel darba fil-mixja lejn Ġerusalemm dik ir-rabja kellha toħroġ. Pereżempju f'dak il-mument fejn ulied Żebedew talbu lil Ġesù li joqogħdu wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug u l-Vanġelu jgħid: 'L-għaxra l-oħra ...,' (Mt 20, 24) u jien nimmaġina li l-perċimes ta' dik ir-rabja kien Pietru, il-barri bil-qrun. Dak il-mument Pietru u sħabu saħnu ħafna għalihom. Bilfors saħan għalihom. Kien qed ibejjet dak ir-rifjut. Rifjut li sarlu ferita: ferita li bdiet tagħti nar lir-rabja fil-qalb tiegħu, li mbagħad, bħalma tafu daqsi, kellha tiżvoga fil-mumenti l-aktar qaddisa tal-passjoni ta' Ġesù. Ġibu quddiem għajnejkom, anke waqt l-aħħar ċena, lil Pietru kważi nervuż. Ġesù li qed iħabbar il-mewt. Ġesù qed iħabbar tradiment. Min hu? Dawk in-nervi ta' wieħed li qisu bħal donnu kien qed jaċċetta u mhux jaċċetta dik il-ġrajja ta' Ġesù. Rabja li mbagħad tiżvoga fil-ġnien tal-Ġetsemani meta jaqbad ix-xabla u jaqta' l-widna ta' Malku, il-qaddej tal-Qassis il-Kbir. Pietru li ried jissieħeb ma' Ġesù, imma li r-rabja żammitu bogħod milli jaċċetta dik l-għotja ta' mħabba fis-sofferenza tal-Imgħallem tiegħu.

Hekk hu. Hija rabja li tisplodi anke b'mod vjolenti: billi joħroġ is-sejf u jweġġa'. Vjolenza fiżika, kważi omiċida, li mbagħad issib l-inkurunament tagħha fit-tradiment tripliku fil-bitħa tal-Qassis il-Kbir. Ġibu quddiem għajnejkom dan l-appostlu, kważi

kważi anzjuż, nervuż, li għal xhur sħaħ kien qed ibejjet din ir-rabja f'qalbu, li x'ħin jiġi l-mument tal-prova u jgħidulu għal tliet darbiet: 'Inti ukoll wieħed minnhom,' (Lq 22, 58) 'Int m'intix ukoll wieħed mid-dixxipli ta' dan ir-raġel' (Ġw 18,17) intom tafu daqsi l-Vanġeli kif jippreżentaw ir-reazzjoni mhux sempliċi, imma r-reazzjoni vjolenti ta' Pietru: 'Jien ma nafux ...' (Mk 14, 71) Jien nimmaġinah isabbat saqajh: 'Jien ma nafux,' għal tliet darbiet. Għal tliet darbiet jiżvoga dik ir-rabja li kienet sinjal li hu ma fehemx il-proġett ta' Alla f'Ġesù u li f'dak il-mument kien qed jirrifjuta kull ġrajja tal-passjoni mdemmija ta' Sidna Ġesù Kristu li kellha tifdina.

## Ir-rabja ta' Pawlu

U ara taħsbu li San Pawl kien xi ħaġa inqas. San Pawl kien diġà fokuż, nar tat-tiben, fil-karattru tiegħu għax anke wara li ltaqa' ma' Kristu, aħna nafu li ma tantx kien ħelu f'ċertu ċirkustanzi. Wara li Barnaba, pereżempju, kien salvah u laqqmu fil-Knisja tal-bidu u fil-ħajja tal-Knisja ta' Ġerusalemm, x'ħin jintemm l-ewwel vjaġġ missjunarju fil-ġlieda li kellu ma' Barnaba, San Luqa jgħid fl-Atti tal-Appostli: 'Kellhom xi jgħidu sewwa,' (Atti 15, 39) jiġifieri kważi b'vjolenza. Li Pawlu kien qalil u fokuż - però nar tat-tiben f'dan il-każ – nafuh anke minn dak li jikteb hu fl-Ittri tiegħu. Ġibu quddiem għajnejkom pereżempju l-Ittra lill-Galatin, li tant kien irrabjat għalihom, li lanqas irringrazzja 'l Alla għall-Galatin, imma mal-ewwel jiftaħ qalbu, jibda jispara, kif ngħidu aħna bl-Ingliż: *left, right and centre*. U xi ngħidu għall-kliem mhux ħelu li għandu għall-għedewwa tiegħu: 'klieb' (Fil 3,2), 'aħwa foloz' (Gal 2, 4) isejħilhom, 'wħud li riedu jiżżattu' (Gal 2, 4) fil-libertà li għandna fi Kristu Ġesù.

Imma apparti minn dawn il-mumenti ta' karattru li kien fokuż, li forsi kienet kif ngħidu aħna bl-Ingliż: *a*





*blessing in disguise* għaliex xprunatu biex jaffronta t-tbatija, imma jekk iġġibu quddiem għajnejkom lil Pawlu qabel ma jiltaqa' ma' Kristu, hemmhekk tistgħu anke timmaġinaw - u mhux immaġinazzjoni vojta, mingħajr għeruq – li Pawlu kien qed ibejjet ir-rabja f'qalbu. Jien dejjem inġib quddiem għajnejja dak li jgħid San Luqa fil-martirju ta' Stiefnu. Meta Stiefnu jiġi mħaġġar, sempliċiment jgħid li kien hemm 'żagħżugħ jismu Sawl' (Atti 7, 58) li qagħad ma ħwejjiġhom. M'għandna l-ebda sinjal ta' vjolenza, imma jien nimmaġina lil dan Sawlu li kien ilu tlieta, erba' snin jifforma ruħu ma' wieħed mill-akbar rabbini taż-żmien: Rabbi Gamaljel it-Tieni, li kien rabbi moderat u bil-għaqal. Huwa dak ir-rabbi Gamaljel li quddiem l-Appostli, meħudin arrestati quddiem is-Sanhedrin qal: 'Għax dan il-ħsieb jew ħidma tagħhom, jekk hi ġejja mill-bnedmin, għad tisfa fix-xejn; iżda jekk hi ġejja minn Alla, ma jseħħilkomx teqirduhom.' (Atti 5, 38-39)

Imma jidher li Sawlu f'dak iż-żmien ma silet l-ebda għaqal mill-imgħallem tiegħu Gamaljel u s-skiet tiegħu waqt it-tħaġġir ta' Stiefnu jġibli quddiem għajnejja żagħżugħ li kien iva mimli żelu għal Alla u għal-Liġi ta' Mosè, imma żagħżugħ li kważi kważi diġà kienet qiegħda tbejjet fih ir-rabja għall-ewwel Insara bħalma kien id-djaknu Stiefnu: dak ir-raġel mimli fidi u bl-Ispirtu s-Santu li skont il-mentalità magħluqa, qisu bil-kappestru taż-żwiemel, Pawlu deherlu li dawn l-Insara kienu qed jikkorrompu l-Liġi tal-Missirijiet. Kienu qed jiksru t-tradizzjonijiet li kienu saru allat flok Alla l-veru: li dawn l-insara kienu qed jiksru t-tradizzjonijiet għeżież ta' missirijietu. Skiet waqt il-martirju ta' Stiefnu. Imma jekk taqraw aktar 'il ġewwa minn dak li jgħid Luqa fl-Atti, diġà tibdew tħossu dak is-serp tar-rabja, li kien qed idur fil-kantina tal-qalb ta' San Pawl, tant isir rabja vjolenti li tiġi espressa meta Pawlu, bniedem ippreparat sal-ponta ta' mnieħru fil-Liġi ta' Mosè jiġi mqabbad mill-Qassisin il-Kbar biex



jikkontrolla din is-setta tal-Ġudaiżmu: l-ewwel Insara – għaliex fil-verità kienu jitqiesu bħala setta tal-Ġudaiżmu – u jeqred dan it-twemmin korrott darba għal dejjem.

Eżattament x'għamel Pawlu kontra l-ewwel Insara ma nafux. Nafu biss li kellu ittri mill-Qassisin il-Kbar biex jiġbor fil-ħabs l-ewwel Insara: ta' Damasku perezempju. Meta fl-aħħar ta' ħajtu Pawlu jikteb rigward l-ewwel esperjenza tiegħu jgħid: 'Jien li kont dagħaj, persekutur' (1 Tim 1, 13) tal-Insara. Ġibt ruħi b'mod vjolenti. Araw il-qalb ta' bniedem li tant kien marbut mal-forma sklerotizzata, imwebbsa tar-reliġjon tiegħu li ma setax jaċċetta s-sorpriża ta' Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb li f'Ġesù kien wera l-imħabba tremenda tiegħu għall-bnedmin. Bniedem li webbes qalbu quddiem il-proġett ta' Alla li kien deher fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.

## Il-fejqan mir-rabja

Mela Pietru u Pawlu bogħod mill-imħabba ta' Ġesù, li bħalna l-bnedmin bejtu r-rabja f'qalbhom u rabja serja: dik ir-rabja li tirribella għall-imħabba ta' Alla, dik ir-rabja li rribellat kontra s-sorpriżi ta' Alla li dehru fi Kristu Ġesù.

Il-fejqan minn dik ir-rabja eżistenzjali fil-fond tal-qalb ta' Pietru u Pawlu jseħħ meta huma jiltaqgħu mal-imħabba ta' Alla li tidher fi Kristu Ġesù. Meta qgħadt nimmedita fuq is-siltiet tal-Iskrittura tad-diversi laqgħat fejn Pietru u Pawlu setgħu ltaqgħu b'mod veru, b'mod profond mal-imħabba ta' Ġesù ġewni quddiem għajnejja dawk is-siltiet fejn l-awturi sagri jitkellmu mill-ħarsa ta' Ġesù. Erġgħu ġibu quddiem għajnejkom, perezempju, il-ħarsa ta' Ġesù lejn Pietru malli sabbat saqajh u għat-tielet darba ċaħdu u s-serduk kien idden għal tliet darbiet. San Luqa jgħid kelma sabiħa mmens: li f'dak il-mument Pietru ħares 'il fuq u Ġesù ħares lejh. Tistgħu qatt timmaġinaw x'setgħet ħasset il-qalb ta' Pietru f'dik il-ħarsa solenni, f'dik il-ħarsa ta' mħabba f'dak il-mument

drammatiku tal-passjoni? Intom tafu x'jikteb San Luqa meta jiġi biex jiddeskrivi r-reazzjoni ta' Pietru quddiem dik il-ħarsa. San Luqa jgħid: 'ħareġ 'il barra jibki b'qalbu maqsuma.' (Lq 22, 62) Mhux biki tal-kukkudrill, imma San Luqa jgħid: biki ta' qsim il-qalb. Dan ifisser li anke jekk Pietru fir-rabja tiegħu kien ċaħad lil Ġesù, *hemm* il-Mulej kien preżenti, lest biex iħares lejh, lest biex ifejjaqlu dik ir-rabja, lest li bil-ħarsa tiegħu jinfed il-qalb ta' Pietru, li, nerġa' ngħid għax hi kelma ssiġillata fil-qlub tagħna, 'ħareġ jibki b'qalbu maqsuma.' Hija l-esperjenza tal-imħabba ta' Ġesù li huwa l-ewwel wieħed li jieħu l-inizzjattiva biex ifejjaqna mir-rabji tagħna.

Ma nistgħux nieqfu hemm. Jekk irridu nitkellmu mill-fejqan tar-rabja ta' San Pietru, irridu bilfors immorru f'xatt il-baħar tal-Galilija. Intom tafu x'jiġri meta Ġesù jidher lill-Appostli f'xatt il-baħar tal-Galilija. Pietru, li kien nofsu għeri, jgħid San Ġwann, libes taparsi malajr malajr u nxteħet il-baħar għax ried ikun qrib il-Mulej. Ma qallu xejn imma ried ikun qrib tiegħu. Imbagħad dak id-djalogu sabiħ: 'Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?' (Ġw 21, 15) Kemm hi sabiħa. Araw Ġesù, tabib tagħna, li jinteressah fir-rabja ta' Pietru bħalma jinteressah fir-rabji ta' kuljum tagħna, speċjalment dawk li huma piż fuq qalbna. Ta' mgħallem li kien, ta' psikologu per eċċellenza, naqra naqra bħal balzmu b'dawk it-tliet domandi jkompli jfejjaq il-qalb ta' San Pietru: 'Tħobbni int aktar minn dawn?' 'Mulej int taf li nħobbok.' (Ġw 21, 15) U meta reġa' staqsih: 'Mulej inti taf li jiena nħobbok.' U meta reġa' staqsih għat-tielet darba l-qalb kienet saret ratba issa, ma kinitx għadha iebsa, ħass qalbu tinqasam u qallu: 'Mulej, inti taf kollox, inti taf li nħobbok.' (Ġw 21, 17)

Araw xi ġmiel ta' fejqan tar-rabja, tant li Pietru f'dak il-mument qisu bħal donnu jaċċetta r-realtà ta' Ġesù li miet u qam minn bejn l-imwiet. Pietru bil-qawwa tal-kelma, tal-fejqan ta' Ġesù jinħall minn dik



ir-rabja u jilqa' l-missjoni li l-Mulej issa jagħtih: 'Ejja warajja.' (Ġw 21, 19) 'Ejja warajja,' u jfakkar lil Pietru li l-mixja warajh ma kellhiex tkun mixja ta' unur jew xi karririżmu fil-Knisja tal-bidu imma kellha tkun ħidma ta' ragħaj: 'Irgħa n-ngħaġ tiegħi. Irgħa l-ħrief tiegħi.' (Ġw 21, 15-17) U terġa' tgħid u tirgħahom, bħalma għamilt jien [Ġesù]: ir-ragħaj it-tajjeb li kien ta ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Qisu bħal donnu f'dak il-mument mhux biss ifejjaq ir-rabja ta' Pietru imma jgħanih b'din il-konvinzjoni li anke hu kellu jerfa' s-salib, jerfa' r-realtà tat-tbatija fil-ħajja biex jirgħa n-ngħaġ ta' Ġesù: 'meta tixjieħ, int tiftaħ idejk u ħaddieħor iħażżmek u jieħdok fejn ma tkunx trid' (Ġw 21, 18) u San Ġwann jikkummenta: 'Dan qalu biex ifisser b'liema mewta kien sejjer jagħti glorja lil Alla.' (Ġw 21, 19) Il-proġett tat-tbatija f'Ġesù bħala sinjal tal-imħabba ta' Alla li Pietru tant kien irribella għaliha, issa, wara l-fejqan mir-rabja, jsir il-proġett tiegħu. Hu bħall-Imgħallem kellu jirgħa n-ngħaġ saħansitra bil-qawwa tat-tbatija u saħansitra bil-qawwa tal-għotja ta' ħajtu għall-Mulej Ġesù u għall-Knisja.

Mhux l-istess ħaġa jiġri fil-qalb ta' Pawlu? Pawlu kien irrabjat, lest għall-Insara ta' Damasku. Imma aħna nafu kif tidħol il-grazzja ta' Alla, kważi kważi b'mod vjolenti. Ġesù, bil-grazzja tiegħu, iħares lejn Pawlu. Ġibu quddiem għajnejkom dak il-ftit kliem li bih San Luqa jiddeskrivi dik li aħna nsejħulha 'l-konverżjoni ta' San Pawl', u li jien nippreferi nsejħilha 'l-laqgħa ta' Pawlu mal-imħabba ta' Kristu'. Ġibu quddiem għajnejkom l-essenzjal tal-kliem ta' San Luqa, li spiss ma kienx jaħli ħafna inka biex ikellimna fuq il-Knisja tal-bidu, meta jgħid: 'Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?' 'Min int, Mulej?' 'Jien Ġesù li int qiegħed tippersegwitah.' (Atti 9, 4-5) Pawlu qatt ma jitkellem direttament minn din l-esperjenza imma indirettament iva. Għal Pawlu dak il-mument kien il-mument li fih iltaqa' mal-Iben ta' Alla, mal-misteru tal-imħabba ta' Alla li dehret fit-tbatija, fil-mewt u fil-qawmien ta' Ġesù. 'Jien Ġesù, dak li int qiegħed tippersegwita.'



Meta Pawlu jikteb lill-Galatin, biex jiġġustifika l-missjoni tiegħu jesprimi xi ftit dak li kien ġara fit-triq ta' Damasku, jgħid: 'Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus.' (Gal 1, 15) F'dak il-mument ta' intimità Ġesù jħares lejn Pawlu, Ġesù imsallab u rxuxtat, dak li Pawlu kien qiegħed jippersegwita jġiegħel lill-qalb ta' Pawlu tagħmel esperjenza tremenda tal-imħabba tiegħu. Fit-Tieni Ittra lill-Korintin Pawlu jiddeskrivi dik l-esperjenza bħala 'ħolqien ġdid' (2 Kor 5, 17). Min hu fi Kristu huwa ħolqien ġdid: jiena ngħid tsunami ta' mħabba, li tfejjaq il-qalb iebsa ta' Pawlu, il-qalb kważi kważi fundamentalista ta' Pawlu fir-reliġjon tiegħu u ddewqu l-imħabba ta' Kristu. Hija laqgħa li tfejqu mir-riġidità tal-qalb tiegħu. Hija laqgħa li tfejqu mir-rabja tiegħu u tagħmel minnu Appostlu tal-Ġnus. Intom tafu li Pawlu wara dik il-laqgħa baqa' japprofondixxi l-għarfien ta' Kristu permezz tal-Kelma u fehem li dik l-imħabba ta' Ġesù kienet għamlet minnu mhux biss Appostlu tal-Ġnus imma Pawlu fehem li l-missjoni tiegħu, bħal dik ta' Pietru, kellha tkun imlaqqma f'dik ta' Ġesù li jbati u jmut, fl-għotja sħiħa ta' Ġesù. Pawlu, li qabel irribella għall-idea ta' Messija sofferenti, issa jifhem li l-imħabba ta' Alla, mhux biss permezz ta' Ġesù, imma l-imħabba ta' Alla li hu kellu jippriedka, kellha tiġi mxandra bis-sagrifiċċji tiegħu, bid-diffikultajiet tiegħu, bil-persekuzzjonijiet li għamlulu, bil-ħabsijiet u n-nawfraġji li esperjenza. Hekk hu: qalb imfejqa mir-rabja li, bħal ta' Pietru, issir tixbah il-qalb ta' Ġesù. Qalb li biex tħobb tingħata, lesta li tissagrifika ruħha għax-xandir tal-Evanġelju.

Araw xi ġmiel allura. Pietru u Pawlu li bħalna, iva, jesperjenzaw ir-ribelljoni fil-qalb tagħhom għal Alla, iċ-ċaħda tal-imħabba ta' Alla li kellha tidher f'Ġesù, imma Ġesù stess li jfejjaqhom, li jimliehom bl-istess imħabba tiegħu tant li huma, imqanqlin mill-istess spirtu ta' Ġesù, jsiru l-akbar missjunarji tal-Knisja tal-bidu, l-akbar ħluq li xandru b'ħeġġa f'kull mument il-ġmiel tal-imħabba ta' Alla li tidher fi Kristu Ġesù.

## Fejqan mir-rabja tagħna

Terġgħux ittellgħuhom fuq il-pedestall lil Pietru u lil Pawlu. Żommuhom ħdejkom. Żommuhom magħkom. Ħarsu lejhom meta tesperjenzaw ir-rabji tagħkom, speċjalment dawk li jiġu forsi mill-proġett ta' Alla, il-proġett li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna. Ittelquhomx 'il barra minn djarkom lil San Pietru u San Pawl. Ħarsu lejhom. Iva, forsi bħalhom aħna bejjitna r-rabja, bejjitna ċ-ċaħda tal-proġett ta' Alla għalina, sija jekk huwa proġett tat-tbatija, sija jekk hu proġett ta' mard, sija jekk hu proġett li jien nerfa' s-salib ta' ħaddieħor, sija jekk hu proġett ta' sagrifiċċju biex jien inħobb lil dawk li huma inqas ixxurtjati minni fil-familja u barra l-familja. Ejjew ma nirribellawx għall-proġett ta' Alla.

Ejjew bħal Pietru u Pawlu nifthu qalbna biex nesperjenzaw l-imħabba ta' Ġesù għalina. Jekk hawn xi ħaġa li Pietru u Pawlu jixtiequ minna llum huwa proprju dan: aħna li spiss nesperjenzaw ir-rabja ejjew nitolbu l-grazzja bl-interċessjoni qawwija tagħhom li nagħmlu esperjenza tal-imħabba tal-Missier li jħobbna anke llum, anke fil-fond tal-qalb tagħna issa, aħna min aħna, hi x'inhi s-sitwazzjoni tagħna, għamilna x'għamilna, ħa nesperjenzaw kemm iħobbna l-Mulej, kemm jixtieq ifejjaqna, kemm jixtieq jixprunana biex ngħixu hienja mlaqqmin fl-imħabba tiegħu. Jalla San Pietru u San Pawl jibqgħu magħna u jlaqqmuna dejjem fl-imħabba ta' Kristu li kapaċi jfejjaqna, jeħlisna u jimla l-qalb tagħna bl-hena. Lilu kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.




# MARTA U MARIJA FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

L-istudju tal-karattri fil-letteratura huwa l-arti u t-teknika li bihom nagħrfu kif l-awtur ifassal ritratt ta' persuna fil-kitba tiegħu.[1] Dan ir-ritratt joħroġ aktar ċar b'dak li l-awtur jgħidilna fuq il-persuna permezz tal-kliem u l-azzjonijiet, u permezz ta' kif persuni oħra fl-istorja jwieġbu

għal din il-persuna. Fattur importanti ħafna tal-istudju tal-karattri fl-Evanġelju skont San Ġwann huwa l-mod kif il-karattri li jissemmew f'din in-narrativa jwieġbu għal Ġesù. Il-mod kif l-Evanġelista jiżviluppa din il-ħaġa twassal sabiex nifhmu aħjar l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju: "Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu …. iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija, l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu" (Ġw 20:30-31).

Fost l-istudji reċenti tal-karattri fl-Evanġelju hemm ix-xogħol ta' Cornelis Bennema li jeżamina karattri individwali fl-Evanġelju skont San Ġwann. Bennema jippreżenta tliet aspetti sabiex nifhmu l-preżentazzjoni tal-karattri



f'dan l-Evanġelju: id-dehra tagħhom fit-test u l-kuntest; il-klassifikazzjoni tagħhom skont kif jiżviluppaw matul in-narrativa, l-aktar permezz ta' dak li jaħsbu; u t-tweġiba tagħhom għal Ġesù.[2] B'dan f'moħħna se nħarsu lejn żewġ karattri femminili li niltaqgħu magħhom fl-Evanġelju skont San Ġwann: l-aħwa Marta u Marija minn Betanja.

## Il-Mixja ta' Fidi tal-Karattri Msemmija




Marta u Marija jissemmew fil-kapitli 11 u 12 tal-Evanġelju skont San Ġwann. Fil-kapitlu 11 naqraw il-ġrajja tal-mewt ta' Lazzru u kif Ġesù qajmu mill-mewt wara erbat ijiem. Fil-kapitlu 12 imbagħad naqraw kif b'ringrazzjament għal dan kollu, il-familja ta' Betanja organizzat ikla għal Ġesù li matulha Marija dilket riġlejn Ġesù. Ir-referenza li nsibu fil-bidunett tal-episodju tal-mewt ta' Lazzru meta naqraw li Marija kienet dik li dilket riġlejn Ġesù (ara Ġw 11:2), episodju li l-Evanġelista kien għad irid jirrakkuntah, isservi bħala *prolepsis*, jiġifieri bħala avveniment li jwassal lill-qarrej sabiex iħares 'il quddiem għal ġrajja li għad trid isseħħ fin-narrativa, f'dan il-każ ġrajja marbuta mal-istorja ta' Lazzru.

Il-ġrajja tal-qawmien ta' Lazzru mill-mewt tgħaqqad flimkien il-ministeru ta' Ġesù u l-passjoni u l-mewt tiegħu, filwaqt li twassal għat-tmiem tal-ewwel parti ta' dan l-Evanġelju. Għalhekk nistgħu nqisu dan il-miraklu mhux biss bħala l-konklużjoni tal-ħajja pubblika ta' Ġesù imma wkoll bħala l-akbar sinjal ta' Ġesù.[3] F'din il-ġrajja ż-żewġt aħwa nisa jilagħbu parti importanti fil-mod kif l-Evanġelista jiżviluppa l-ideat tiegħu ta' dixxipulat u t-twemmin f'Ġesù. Marta u Marija fil-fatt jiġu murija bħala l-ħbieb ta' Ġesù b'relazzjoni speċjali miegħu.

San Luqa wkoll għandu żewġ aħwa nisa bl-istess isem ta' Marta u Marija u li Ġesù jmur fid-dar tagħhom bħala parti mill-vjaġġ tiegħu lejn Ġerusalemm (ara Lq 10:38-42). Madanakollu f'din l-istorja li nsibu fl-Evanġelju skont San Luqa ma jissemmiex li dawn iż-żewġ aħwa kellhom ħuhom jismu Lazzru bħalma naqraw fl-Evanġelju skont

San Ġwann,[4] għalkemm San Luqa jagħtina parabbola li fiha jissemma ċertu Lazzru li miet u mar fi ħdan Abraham (ara Lq 16:19-31).

Fil-każ tal-Evanġelju skont San Ġwann, Marta tidher li qed tagħmel mixja ta' fidi lejn il-persuna ta' Ġesù. Għall-bidu hija turi d-diżappunt tagħha f'Ġesù meta tgħidlu: "Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut" (Ġw 11:21), imma immedjatament hija turi fiduċja sħiħa f'Ġesù meta fil-vers ta' wara tistqarr: "Imma wkoll issa, jiena naf li kull ma inti titlob lil Alla, Alla jagħtihulek" (v.22).

Dan l-istess sentiment ta' nuqqas ta' fidi li jitħallat ma' element ta' fidi nerġgħu niltaqgħu miegħu ħdejn il-qabar ta' Lazzru. L-istqarrija ta' fidi tagħha f'Ġesù: "Iva, Mulej, Jiena nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla, dak li ġie fid-dinja" (v.27) donnha li tittappan quddiem ir-reazzjoni tagħha għall-kliem ta' Ġesù: "Neħħu l-blata" fil-v.39. Għal dan il-kliem ta' Ġesù, Marta tirreaġixxi u tgħidlu: "Mulej, issa beda jrejjaħ, ġa ilu erbat ijiem mejjet." (v.40). Donnu li b'dan il-kliem hija kienet qed turi li kienet tilfet kull tama fuq ħuha Lazzru.[5]

Proprju f'dan il-mument Ġesù jfakkarha f'dak li kien qalilha: "Ma għedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?" (v.41).

Fl-istess ħin l-Evanġelista San Ġwann jippreżenta lil Marta bħala dixxiplu li għadha temmen fi twemmin tradizzjonali Lhudi fuq il-qawmien mill-imwiet meta hija tgħid lil Ġesù: "Jiena naf li [ħija] jerġa' jqum, fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar jum." (v.24). Dak li Marta kien jonqosha kien li tagħraf li Ġesù hu tassew "Jiena Hu" [bil-Grieg: *ego eimi*] u li l-preżenza tiegħu f'dak il-waqt kienet tfisser





il-ħajja quddiem il-mewt. "Qalilha Ġesù: 'Jiena hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt.'" (vv. 25-26).

Din l-ambigwità fit-tweġiba ta' Marta lejn Ġesù waslet sabiex xi wħud mill-istudjużi ta' dan l-Evanġelju jevalwaw lil Marta bħala persuna b'nuqqas ta' fidi; l-istqarrija ta' fidi tagħha fil-v.27 mhijiex waħda li tilħaq l-aspettattivi tar-Raba' Evanġelista.[6] Min-naħa l-oħra, studjużi oħra waslu għall-konklużjoni totalment opposta meta jqisu l-fidi ta' Marta bħala fidi qawwija u sħiħa f'Ġesù.[7] Forsi t-triq tan-nofs bejn dawn il-pożizzjonijiet hija li ngħidu li Marta f'dan l-Evanġelju tidher li qed tagħmel progress fil-mixja tal-fidi tagħha, għalkemm il-fidi tagħha għadha waħda limitata.

Forsi tajjeb ninnutaw hawnhekk il-paralleliżmu li hemm bejn Marta u Pietru li fl-Evanġelji Sinottiċi jagħmel stqarrija simili għal dik ta' Marta meta f'Ċesarija ta' Filippu jistqarr: "Inti l-Messija" (Mk 8:29). Kemm Pietru kif ukoll Marta jagħmlu l-istqarrija ewlenija tal-fidi Nisranija, għalkemm it-tnejn li huma immedjatament wara juru, li ma fehmux it-tifsira tal-istqarrija tagħhom f'Ġesù.[8]

Wara l-laqgħa ta' Marta ma' Ġesù, ir-Raba' Evanġelista jgħaddi biex jitkellem fuq il-laqgħa ta' Marija oħt Marta ma' Ġesù li "kien għadu ma daħalx fir-raħal, imma baqa' fejn kienet ġiet tiltaqa' miegħu Marta" (Ġw 11:30). Sabiħ ninnutaw il-kuntrast li dan l-Evanġelista joħloq bejn l-ewwel u t-tieni laqgħa ta' Marija ma' Ġesù. L-ewwel laqgħa ta' Marija ma' Ġesù hija mmarkata b'diżappunt u niket kbir, tant illi naqraw li "meta Marija waslet fejn

kien Ġesù u ratu nxteħtet f'riġlejh, tgħidlu: 'Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut'" (v.32).

L-Evanġelista hawn jenfasizza l-fatt li malli Marija waslet ħdejn Ġesù "inxteħtet f'riġlejh," l-istess kif tagħmel wara l-qawmien ta' Lazzru meta waqt l-ikla organizzata b'ġieħ Ġesù, nerġgħu nsibu lil Marija li ntasbet f'riġlejn Ġesù: "Marija ħadet libbra fwieħa tan-nar pur, tiswa ħafna, u dilket biha *riġlejn* Ġesù, mbagħad ixxuttathomlu b'xagħarha" (12:3).

Għalkemm is-sentimenti ta' Marija huma differenti fiż-żewġ okkażjonijiet, fiż-żewġ testi l-Evanġelista juża espressjonijiet bil-Grieg li huma simili għal xulxin: fil-każ ta' 11:32 naqraw *autou pros tous podas*, filwaqt li fil-każ ta' 12:3 naqraw *tous podas tou Iesou.* Dan l-istess atteġġjament ta' Marija nsibuh ukoll fl-episodju ta' San Luqa fejn naqraw kif "Marija, niżlet bilqiegħda *f'riġlejn il-Mulej* [bil-Grieg: *pros tous podas tou kupiou*] tisimgħu x'kien qiegħed igħid" (Lq 10:39).

Minkejja dan hemm differenza kbira bejn iż-żewġ rakkonti ta' Luqa u dak ta' Ġwanni. Fl-Evanġelju skont San Luqa naqraw li donnu hemm konflitt bejn iż-żewġ aħwa nisa, tal-inqas min-naħa ta' Marta lejn Marija meta tipprotesta ma' Ġesù għall-fatt li ħalla lil Marija tibqa' f'riġlejh mingħajr ma marret tgħinha fix-xogħol tad-dar, għalkemm Ġesù jfaħħar lil Marija li għażlet l-aħjar sehem (ara Lq 10:42). Min-naħa l-oħra, fl-Evanġelju skont San Ġwann naqraw li Marta u Marija huma ppreżentati fi qbil bejniethom fil-mod kif juru d-diżappunt komuni tagħhom lejn Ġesù.

## L-Aspett Rappreżentattiv tal-Karattri

Xi wħud mill-karattri li jissemmew fl-Evanġelju skont San Ġwann mhumiex





murija biss bħala personaġġi storiċi imma jieħdu wkoll tifsira rappreżentattiva.[9] Hekk ukoll nistgħu ngħidu għal dawn iż-żewġ aħwa nisa ta' Betanja. Għal xi studjużi Marta tirrappreżenta l-bniedem li jemmen u jsir il-ħabib ta' Ġesù u allura jirrappreżenta l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju.[10]

Marta tirrappreżenta d-dixxiplu f'dan l-Evanġelju li jgħaddi minn mixja ta' fidi sakemm bil-mod il-mod jasal biex verament jemmen li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla (ara 20:31). Għal studjużi oħra, speċjalment dawk li jaqraw dan l-Evanġelju minn perspettiva femminili, l-istqarrija ta' Marta fi 11:27 tirrappreżenta l-fidi tal-mexxejja Nsara li jaslu biex jagħmlu stqarrijiet qawwija bħal dawn f'isem il-komunità li temmen.[11]

Filwaqt li ngħidu dan, irridu ninnutaw li jekk il-fidi ta' Marta hija espressa fi kliem, min-naħa l-oħra l-fidi ta' Marija hija espressa fil-ġesti simboliċi tagħha. Wara l-qawmien ta' Lazzru niltaqgħu ma' Marija tidlek ir-riġlejn ta' Ġesù bil-fwieħa tfuħ. Dan il-ġest li jirrappreżenta l-qima tagħha lejn il-persuna ta' Ġesù f'kuntrast mad-diżappunti tagħha fix-xena tal-mewt ta' ħuha Lazzru. L-intejjen tal-ġisem mejjet ta' Lazzru msemmija f'11:39 meta Marta tgħid lil Ġesù: "Mulej, issa beda jrejjaħ; ġa ilu erbat ijiem mejjet," issa jikkuntrastraw il-"libbra fwieħa tan-nard pur, tiswa ħafna" li biha Marija dilket riġlejn Ġesù u kif "id-dar imtliet bir-riħa tfuħ" (12:3).[12] Bil-libbra ta-fwieħa "tiswa ħafna" Marija wriet kemm kien jiswa wkoll dak li Ġesù wettaq għal ħuha Lazzru. Hija għalhekk tiġi murija bħala dixxiplu veru, f'kuntrast ma' Ġuda l-Iskarjota, id-dixxiplu falz li f'dan l-episodju skandalizza ruħu għal dan il-ġest ta' Marija. Minbarra hekk, il-ġest tad-dilka ta' Marija huwa wkoll wieħed profetiku li fi kliem Ġesù kien ġest magħqud mal-mewt u d-difna tiegħu (ara 19:38-42).

Filwaqt, mela, li Marta tesprimi l-fidi tagħha fil-kliem, oħta Marija tagħmel dan bil-ġest tagħha tad-dilka ta' riġlejn Ġesù. Flimkien, dawn iż-żewġ aħwa nisa, jesprimu l-fidi tal-komunità Nisranija f'Ġesù l-Iben ta' Alla. Lil dawn iż-żewġ aħwa nisa ma nsibuhomx f'konflitt ma' xulxin bħalma nieħdu l-impressjoni fir-rakkont ta' Luqa li fih jissemmew żewġ aħwa nisa bl-istess isem ta' Marta u

Marija. Minflok, fl-Evanġelju skont San Ġwann, Marta u Marija huma murija bħala aħwa komplementari għal xulxin li bil-kliem u l-ġesti tagħhom jgħinu lill-qarrej jagħraf aktar li Ġesù hu l-għajn tal-ħajja permezz ta' dak li għamel ma' ħuhom Lazzru li qajmu mill-mewt.

## Referenzi


1 Fuq dan il-punt ara R. Alan Culpepper, *Anatomy of the Fourth Gospel: A Study in Literary Design* (Philadelphia: Fortress, 1983), 105.

2 Ara Cornelis Bennema, *Encountering Jesus: Character Studies in the Gospel of John* (Milton Keynes: Paternoster, 2009), 12-21; ara wkoll Cornelis Bennema, "A Theory of Character in the Fourth Gospel with Reference to Ancient and Modern Literature," *Biblical Interpretation* 17 (2009): 375-421.

3 Ara Raimo Hakola, "A Character Resurrected: Lazarus in the Fourth Gospel and Afterwards," in *Characterization in the Gospels: Reconceiving Narrative Criticism*, ed. David Rhoads and Kari Syreeni, Journal for the Study of New Testament Supplement Series, 184 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1999), 228.

4 Għall-importanza ta' dan ir-rakkont fl-Evanġelju skont San Luqa ara, Joel B. Green, *The Gospel of Luke*, New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids: Eerdmans, 1997), 433-438.

5 Ara Wendy E. Sproston North, *The Lazarus Story within the Johannine Tradition*, Journal for the Study of New Testament Supplement Series 212 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 2001), 106.

6 Ara Colleen Conway, "Speaking through Ambiguity: Minor Characters in the Fourth Gospel," *Biblical Interpretation* 10 (2002): 335.

7 Ara Sandra Schneiders, *Written That You May Believe: Encountering Jesus in the Fourth Gospel* (New York: Herder & Herder, 1999), 104-107; Craig R. Koester, *Symbolism in the Fourth Gospel* (Minneapolis: Fortress, 1995), 67.

8 Ara Kari Syreeni, "Peter as Character and Symbol," in *Characterization in the Gospels: Reconceiving Narrative Criticism*, ed. David Rhoads and Kari Syreeni, Journal for the Study of New Testament Supplement Series, 184 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1999), 112-116.

9 Ara Raymond F. Collilns, *These Things Have Been Written: Studies on the Fourth Gospel*, Louvain Theological and Pastoral Monographs 2 (Leuven: Peeters Press, 1990), 1-45.

10 Ara Allie Ernst, *Martha from the Margins: The Authority of Martha in Early Christian Tradition* (Leiden and Boston: Brill, 2009), 33; Colleen M. Conway, *Men and Women in the Fourth Gospel: Gender and Johannine Characterization*, Society of Biblical Literature Dissertation Series167 (Atlanta: Society of Biblical Literature, 1999), 139-143; Margaret M. Beirne, *Women and Men in the Fourth Gospel: A Genuine Discipleship of Equals*, Journal for the Study of New Testament Supplement Series, 242 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 2003), 127.

11 Ara Schneiders, *Written That You May Believe*, 158.

12 Ara Martin Micallef, "Id-dilka ta' Ġesù f'Betanja (Gw 12:1-8)," *Rivista ta' Spiritwalità* 153 (Lulju-Settembru 2010): 6-16; ara wkoll, Dorothy A. Lee, "The Gospel of John and the Five Senses," *Journal of Biblical Literature* 129 (2010):124-125.








**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt